# Kunsill Lokali Mellieħa

## Rapport Annwali Amministrattiv

**2019**

Il-Werrej


| | |
|---|---|
| L-Introduzzjoni tas-Sindku | 1 |
| Il-Kunsill | 3 |
| Il-Finanzi u l- Ħidma tal-Kunsill | 5 |
| L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul u fl-Infiq | 12 |
| Id-Dikjarazzjoni ta' Rikonċiljazzjoni mal-Bank | 15 |
| Ir-Rapport tal-Uditur u l-'Financial Statements' | 17 |

Is-sena finanzjarja 2019 inqasmet eżatt minn nofs bejn is-Seba' u t-Tmien Kunsill wara l-elezzjoni li kien hemm Mejju. Il-mandat tas-Seba' Kunsill kien l-iktar wieħed twil li qatt kien hemm, u fil-fatt għaddejna minn stadju meta proġetti u iniżjattivi ġodda li dan il-Kunsill kien nieda ġew implimentati, iżda hemm ukoll wħud li saru t-tħejjijiet kollha marbuta magħhom u għadhom ma ġewx implimentati minħabba raġunijiet li mhumiex fil-kontroll tiegħu. Iċ-ċirkostanzi huma tali li qed ikun hemm nuqqas ta' konkorrenza minn operaturi ekonomiċi f'dawk li huma sejħiet għall-offerti, u fil-fatt qed ikun hemm każi fejn ikollhom isiru diversi sejħiet, minħabba nuqqas ta' rispons, bil-konsegwenza li proġetti jdumu ma jitwettqu. Is-sitwazzjoni hija aktar ta' tħassib fil-każ ta' proġetti nfrastrutturali kofinanzjati minn fondi Ewropej li huma kostretti li jintefqu skont *time frames* stabbiliti għaliex jintilfu.

Apparti l-proġetti kapitali ġodda, il-ħidma kienet waħda kontinwa f'dawk li huma sejħiet għall-offerti li jinvolvu s-servizzi li l-Kunsill obbligat jirrendi bil-liġi, kif ukoll inizjattivi oħra, bħal:

- Servizz dwar iż-żamma tal-latrini pubbliċi, li minnhom għandna sitta;
- Servizz li jipprovdi għall-manutenzjoni ta' ġonna pubbliċi u *soft areas*; u
- Il-Kiri ta' vettura biex tintuża mill-ħaddiema tal-Kunsill.

Minkejja nefqa sostanzjali fuq l-attivitàjiet kulturali, il-Kunsill ma baqax lura mill-obbligi statutorji tiegħu. Fil-fatt matul l-2019 il-Kunsill implimenta għadd ta' proġetti li sar għalihom f'dan ir-rapport. Huwa importanti ħafna li f'dan ir-rigward il-Kunsill ma jserraħx biss fuq l-allokazzjoni li tiġi mingħand il-Gvern Ċentrali, iżda jara wkoll jikseb fondi mis-sorsi kollha possibbli.

Għalkemm, bit-twaqqif ta' Infrastructure Malta r-responsabilità fuq ir-*resurfacing* ta' toroq ittieħdet minn idejn il-Kunsilli Lokali, il-mira ewlenija tal-Kunsill baqgħet li jżomm it-toroq fl-aħjar stat possibbli permezz tar-rappreżentazzjonijiet li jsiru ma' din l-entità biex jixpruna proġetti ġodda. Mira oħra hija li jtejjeb l-ambjent urban bi proġetti li jinvolvu t-tisbiħ fil-parti l-antika tal-Mellieħa.

Dario Vella - **Sindku**

**2.1 Il-Kunsill**

| | Attendenza għal laqgħat |
|---|---|
| **Il-Kunsillieri (Seba' Kunsill – Jannar sa Ġunju)** | |
| Is-Sur John Buttigieg —Sindku | 100% |
| Is-Sur Dario Vella – Viċi Sindku | 100% |
| Is-Sur Joseph Attard | 100% |
| Is-Sur Joseph Azzopardi | 100% |
| Is-Sur Emvin Bartolo | 91% |
| Is-Sinjura Annabelle Brincat Stellini | 100% |
| Is-Sur Patrick Cutajar | 64% |
| Is-Sur Hilary Fenech | 100% |
| Is-Sur Joseph Gauci | 91% |
| (Nota: Bejn l-1 ta' Jannar u t-30 ta' Ġunju 2019, il-Kunsill iltaqa' ħdax-il darba) | |
| **Il-Kunsillieri (It-Tmien Kunsill – Lulju sa Diċembru)** | |
| Is-Sur Dario Vella —Sindku | 100% |
| Is-Sur John Buttigieg – Viċi Sindku | 100% |
| Is-Sur Marvin Abela | 100% |
| Is-Sur Emvin Bartolo | 88% |
| Is-Sinjura Rebecca Bartolo Cutajar | 100% |
| Is-Sinjura Annabelle Brincat Stellini | 100% |
| Is-Sur Kurt Buttigieg | 100% |
| Is-Sur Ivan Castillo | 100% |
| Is-Sur Gabriel Micallef | 88% |
| (Nota: Bejn l-1 ta' Lulju u l-31 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill iltaqa' tmien darbiet) | |

**L-Impjegati**

Is-Sur Carmel Debono – Segretarju Eżekuttiv
Is-Sinjura Marica Azzopardi - Uffiċjal fi Skala 10
Is-Sinjura Doriette Fenech Gambin – Uffiċjal fi Skala 11
Is-Sinjura Marvic De Bono – Uffiċjal fi Skala 14
Is-Sinjura Yvonne Muscat – Uffiċjal fi Skala 14
Is-Sur Christian Mifsud – Uffiċjal fi Skala 15
Is-Sinjorina Petra Caruana – Uffiċjal fi Skala 15 B'effett mill-01/10/2019

Fil-bidu tal-mandat tat-Tmien Kunsill, fl-1 ta' Lulju 2019, ġew assenjati r-reponsabilitajiet lill-Kunsillieri skont l-organigram li jidher aktar 'l isfel. Biex ilaħħaq mal-esiġenzi amministrattivi li tinvolvi l-ħidma li dejjem qed tinfirex f'oqsma varji, b'effett mill-1 ta' Lulju 2019, il-Kunsill beda jiffunzjoni bis-*set-up* li jidher hawn taħt:

**Il-Kunsill**

I

**Is-Sindku**

I

I

**Is-Segretarju Eżekuttiv**

I

I

**Uffiċjal fi Skala 10**

I

I

**Uffiċjal fi Skala 11**

I

I

I

I

**Żewġ Uffiċjali fi Skala 14**

I

**Żewġ Uffiċjali fi Skala 15**

I

**Ħames ħaddiema assenjati taħt il-Community Works Scheme**

**Is-Sindku D. Vella**

Finanzi; *By-Laws*; Attivitàjiet Popolari; Turiżmu; Koperazzjoni ma' l-Għaqdiet; Ufficċju Amministrattiv; Amministrazzjoni u mpjegati tal-Kunsill; Trattament tal-ilment; Kommunitajiet (Manikata; Selmun u l-ohrajn); Informazzjoni u Konsultazzjoni Pubblika; Membru Kumitat dwar l-Evalwazzjoni tal-offerti ; Pjan ta' Ħidma; Permessi tal-Awtorità tal-Ippjanar; Relazzjonijiet Pubbliċi; Progetti iffinanzjati minn Fondi Ewropej; Membru Kumitat *ad hoc* Triq Ġorġ Borg Oliver; Kultura u Attivitàjiet Kulturali (Festa San Ġwann tal-Ħġejjeġ; Artist fil-Misraħ, u oħrajn); u Membru fuq il-Kumitat ta' Rakkomandazzjoni dwar l-Għoti ta' Onorefiċenzi.

**Il-Viċi Sindku J. Buttigieg**

Proġetti kapitali u Infrastruttura; Project Manager; Rappreżentant fuq il-bord tal-Park tal-Majjistral; Membru Kumitat dwar l-evalwazzjoni tal-offerti; Rapprezentant Kumitat Reġjonali; Ġemellaġġi; *Contracts Manager;* Devoluzzjoni Proprjetà; *Chairman* Kumitat *ad hoc* Triq George Borg Oliver.

**Il-Kunsilliera A. Brincat Sellini**

Pubblikazzjonijiet; Programmi tal-Unjoni Ewropea; Jum il-Kunsill; Jum it-Tfal; Magazin tal-Kunsill; Rappreżentant EDEN; Rappreżentant Grupp Azzjoni Majjistral; Programmi Edukattivi; Fora Edukattiva; Korsijiet; Skola; Librerija Pubblika; Fiera tal-Ktieb; Kuntatt mal-Kunsill Skolastiku. Ħarġiet Kulturali; Żvilupp u Għajnuna Soċjali; Saħħa Pubblika ; L-Anzjani u Persuni b Diżabilità; Avvanz tal-mara; il-berġa; Cimiterji ; il-Familja; Tfal; Akkomodazzjoni Socjali.

**Il-Kunsillier E. Bartolo**

Trasport Pubbliku; Immanigjar tat-Traffiku; Reklamar fuq l-Għamara tat-Toroq; *Community Policing*; Materji li Jinvolvu il-Pulizija; Permessi ta' Attivitàjiet; Membru Kumitat dwar l-Evalwazzjoni tal-Offerti; Kordinazzjoni tal-Festi Reliġjużi; Infurzar tal-Liġi. Membru Kumitat *ad hoc* Triq Ġorġ Borg Olivier.

**Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar**

Toroq rurali; Żoni ta' Rikrejazzjoni fil-Kampanja; Ħitan tas-Sejjieħ; Giren; Mollijiet u Skallijiet; Afforestazzjoni; Kampanji ta' Tindif; Tisbieħ ta' Turġien; Tindif ta' Toroq Rurali u Urbani; Gbir ta' Skart; *Bring-In Sites*; Latrini Pubbliċi; Konservazzjoni tal-Wirt Storiku; *Heritage Trail* ta' Selmun; u Festa Ambjen

**Il-Kunsillier M. Abela**

Ħarsien tal-annimali; Kommunità Kummerċjali; Garaxxijiet Industrijali.

**Il-Kunsillier K. Buttigieg**

Relazzjonijiet Internazzjonali; Programmi taż-Żgħażagħ; Żgħażagħ; Użu ta' facilitajiet Sportivi; Attivitàjiet Sportivi u Fiżiċi.

**Il-Kunsillier G. Micallef**

Integrazzjoni Soċjali; Aċċess u Sigurtà fil-Bajjiet; Tindif tax-Xtut; Żoni għall-Karavans u Ikkampjar; Teknoloġija tal-informazzjoni; Vetturi Abbandunati/ Emigranti

**Il-Kunsillier I. Castillo**

Innovazzjoni; Servizzi tal-Wi-Fi; Servizzi tal-Elettriku; Ilma; Drenaġġ; Tismija ta Toroq u Numri tal-Bibien; Membru fuq il-Kumitat ta' Rakkomandazzjoni dwar l-Għoti ta' Onorefiċenzi.

## 3.1 Il-Finanzi tal-Kunsill

L-assi kurrenti li li jikkonsistu fil-parti l-kbira tagħhom fil-valur nett tal-assi permanenti, kienu jammontaw €2,397,773, filwaqt li kien hemm assi kurrenti li laħqu €1,279,162. Dawn jirriżultaw mill-ammont ta' stokk, d-dħul li mistenni jkun hemm u flus fil-banek.

Jirriżulta wkoll li Kunsill kellu djun mal-Wasteserv fuq tipping fees u fondi kommessi b'rabta ma' public private partnership fuq ir-Triq tal-Armier li jammontaw €78,130, filwaqt wkoll li kien hemm ammonti li jridu jitħallsu ta' €614.932. Skont l-iStatement of *Comprehensive Income* għall- 2019 allura jirriżulta fi żbilanċ ta' €167,617. Dan effettivament ma jaffettwax il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill, għaliex jirriżulta l-flus disponibbli fil-banek telgħu b'€24,977 għal €1,116,304**.**

**Titjib ta' Toroq**

Bi ftehim ma' Transport Malta, ix-xogħol fuq ir-rikostruzzjoni ta' Triq il-Qortin twettaq minn kuntrattur imqabbad mill-Kunsill, filwaqt li l-istess awtorità intrabtet li tiffinanzja l-ispiża li tlaħħaq 'il fuq minn €360,000. Mill-ispiża msemmija għad fadal x'jitħallsu, li għadhom pendenti minħabba nuqqas ta' ftehim bejn il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u l-kuntrattur dwar ix-xogħol li sar fuq it-tiġdid tal-mains.

Kmieni is-sena l-oħra saret ir-rikostruzzjoni ta' Triq il-Marfa fil-parti bejn Dawret il-Mellieħa u Triq l-Erwieħ. Ix-xogħol kien jinvolvi wkoll l-introduzzjoni ta' *culverts* għall-ilma tax-xita u anke l-asfaltar ta' parti minn Dawret it-Tunnara u l-parti ta' fuq Ta' Triq it-Trill. Peress li x-xogħlijiet kienu estensivi, t-triq kellha tingħalaq għal diversi ġimgħat u ġew affettwati tmien rotot tal-karozzi tal-linja. Il-Kunsill intervjena billi pprovda *minibus shuttle service* għal seba' ġimgħat mit-Tnejn sal-Ħadd, sabiex il-pubbliku jibqa' jinqeda, filwaqt li jitnaqqas l-impatt fuq in-negozju fit-toroq ewlenin tal-Mellieħa. L-aħħar parti ta' dan il-proġett, li tolqot l-parti bejn Triq l-Erwieħ sa Triq il-Qalba Imqaddsa, għandha titkompla hekk kif jintemm ix-xogħol tar-restawr fuq il-Kmamar tas-Santwarju.

Intemm ix-xogħol fuq ir-restawr tal-ħajt tas-sejjieħ u l-bini mill-ġdid tal-plier fit-Telgħa ta' Selmun. Dan kien kofinanzjat taħt il-Miżura 4.4 tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Rurali.

Fl-2020 se nikkonkludu l-impenn marbut mal-*private public partnership* li l-Kunsill daħal għaliħ seba' snin ilu. Dan jorbot il-Kunsill, il-Gvern Ċentrali, flimkien mal-kuntrattur Central Asphalt Ltd biex sar ir-*resurfacing* ta' Triq l-Armier. Dan il-proġett twettaq f'żewġ fażijiet bejn Ġunju 2011 u Ġunju 2012 li swew ftit aktar minn €736,000. Il-pagament finali li jrid jitħallas fl-2020.

**Triq Ġorġ Borg Olivier**

Il-problemi tat-traffiku marbuta ma' din it-triq ġew ittrattati mill-Kunsilli preċedenti kollha, iżda soluzzjoni baqgħet ma nstabitx, kemm minħabba l-limitazzjonijiet li jeżistu f'dik li hija infrastruttura, kif ukoll billi mhux faċli li wieħed jsib kompromess bejn l-interessi tal-partijiet involuti, li essenjalment huma l-operaturi tan-negozji, il-Malta Public Transport, ir-residenti tal-istess triq u dawk tal-Mellieħa in ġenerali. Il-Kunsill dehrlu li għandu jsir attentat ieħor billi waqqaf Kumitat *ad hoc* li qed jara s-soluzzjonijiet li kienu ġew ikkunsidrati fil-

passat, filwaqt li qed jiddiskuti oħrajn ġodda mal-awtoritajiet u l-entitajiet konċernati. Dawn primarjament jinvolvu s-servizz tal-karozzi tal-linja, il-ħinijiet tal-ħatt mid-distributuri tal-merkanzija fil-ħwienet, u faċilitajiet ta' parkeġġ ġodda. Il-Kumitat diġa kellu laqgħat mal-Ministru tat-Transport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali, mal-GRTU u l-Malta Public Transport.

**Dwal tat-Toroq**

Saret skema ta' 25 lampa ġdida fuq l-arbli fi Triq Għajn Żejtuna, fil-parti bejn Triq iż-Żebbuġ u Triq il-Kbira, li l-ispiża fuqha kważi kollha ġiet irkuprata mid-*Development Planning Fund* amministrat mill-Awtorità tal-Ippjanar. Ġew installati 22 lampa ornamentali ġodda fi Triq it-Tramuntana, Triq San Pawl, Triq il-Madonna tal-Għar u Triq il-Qalb Imqaddsa. Apparti dan, matul is-sena ġew installati 12-il lamp ġdida f'diversi postijiet fil-lokalità.

**Titjib f'Postijiet ta' Rikrejazzjoni**

Saru bandli u *rubber flooring* ġodda fi Ġnien tas-Salib u fi Ġnien Dun Anton Debono. Fir-rigward ta' Ġnien tas-Salib sar titjib fid-dwal billi ġew utilizzati lampi ornamentali li oriġinarjament kienu f'Misraħ il-Parroċċa.

F'dak li jirrigwarda titjib f'postijiet ta' rikrejazzjoni, tressqet applikazzjoni għall-fondi Ewropej taħt il-Miżura 4 tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, biex jitwettaq proġett fil-Park tal-Familja bl-isem *Development of Green Infrastructure Using Innovative Green Solutions,* li jinvolvi tħawwil ta' siġar; tqegħid ta' bankijiet magħmula minn materjal riċikklat; it-trawwim ta' veġitazzjoni mal-ħitan tal-gagazza li hemm mal-korsa, u ħolqien ta' imxietel għas-siġar fi Ġnien il-Qigħan, bil-parteċipazzjoni tat-tfal tal-Iskola Primarja u anzjani residenti fil-Mellieħa.

**Xogħlijiet ta' titjib fiċ-Ċentru Storiku**

Sar xogħol ta' titjib fi Triq Sant'Anna li kien jinkludi t-tneħħija tal-puġġaman tal-ġebel biex sar ieħor pariġġ dak ta' Triq il-Mitħna l-Qadima. Ġew installati dwal ornamentali fi Triq Sant' Anna, kif ukoll it-tneħħa t-taraġ li kien hemm fi Triq Sant' Anna. Minfloku saret rampa għal Triq Ġorġ Borg Olivier, ħalli tiffaċilità l-aċċess għall-persuni bi bżonnijiet speċjali. Fil-proċess instab xelter tat-Tieni Gwerra Dinjija li nfetaħ u tnaddaf it-terrapien li kien intrema fiħ, taħt is-superviżjoni tal-Sovrintendenza għall-Wirt Storiku.

Proġett ieħor illi saru t-tħejjijiet kollha għaliħ kien dak tal-pavimentar ta' Triq l-Inkurunazzjoni. Saret sejħa għall-offerti, ingħata kuntratt, iżda l-kuntrattur ma onoraħx minkejja li l-implimentazzjoni tiegħu ġiet posposta diversi drabi. Fiċ-ċirkostanzi, ser ikollha ssir sejħa ġdida għall-offerti. Dan il-proġett ser jibbenefika minn għotja ta' €294,000 mid-*Development Planning Fund*, bis-saħħa ta' ftehim li ġie ffirmat fl-14 ta' Frar 2018. Il-Kunsill kien strumentali wkoll biex sar il-pavimentar taz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali u r-rampa għall-persuni b'diżabilità, liema proġett twettaq mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet u l-Infrastruttura.

**Il-Pulizija tal-Komunità**

Il-proġett pilota dwar il-Pulizija tal-Komunità bdew id-diskussjonijiet dwaru f'April 2019. L-għan huwa li t-tim magħmul minn erba' uffiċjali isir familjari mar-residenti u jisma' il-preokkupazzjonijiet tagħhom, kif ukoll jeduka u jipprevjeni l-abbużi u l-kriminalità, kif ukoll jinforza l-liġi fejn ikun hemm bżonn. Qed jidħol ukoll f'każi ta' inkonvenjenzi marbuta ma' siti ta' kostruzzjoni, vetturi abbandunati eċċ. It-tim anke qed jidħol f'każi ta' imġieba anti-soċjali jew suspettuża, li tinġieb għall-attenzjoni tagħhom mir-residenti. Il-ħidma tal-Pulizija tal-Komunità hija mifruxa ħafna aktar minn hekk, għaliex tinkludi l-iskejjel, id-dar tal-anzjani, iċ-ċentru ta' matul il-jum, l-attivitàjiet li jseħħu fil-lokalità u kull opportunità oħra li t-tim f'kuntatt dirett mar-residenti. Dan kollu ċertament għandu jwassal biex titjieb il-kwalità tal-ħajja tal-lokalità, għaliex ir-residenti jħossuhom aktar sikuri. Għalhekk għamel ħafna sens li dan il-proġett qed jitwettaq id f'id mal-Kunsill Lokali, għaliex b'hekk l-istess Kunsill ikun aktar effettiv fl-operat tiegħu. Il-Kunsill se nkomplu jappoġġja dan il-proġett għaliex iqisu bħala ħolqa li kienet nieqsa illi qed tirrendi l-ħidma taż-żewġ naħat aktar effettiva.

**Qasam Turistiku**

L-involviment fil-*European Destination of Excellence Network* fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea, kompla bil-parteċipazzjoni fit-13-il assemblea ġenerali li saret fi Brussel f'April li għadda. Il-Kunsill ipparteċipa fil-kompetizzjoni – *EDEN Innovation Prize* - bl-għażla ta' tema li tirrigwarda t-turiżmu għall-persuni anzjani. Il-benefiċċji li jirriżultaw minn dan in-*network* ta' destinazzjonijiet turisti kienu evidenti matul is-sena li għaddiet, tant li f'Ottubru li għadda żewġ gruppi ta' ġurnalisti barranin fil-qasam tal-ivjaġġar żaru l-Mellieħa u ttieħdu jaraw postijiet ta' interess fil-lokalità.

**Inklużjoni Soċjali**

Saret applikazzjoni għal finanzjament minn fondi Ewropej sabiex jiġi organizzat *workshop* bl-isem *LGBTIQ Rights at the Heart of the EU*. Dan mistenni jitwettaq fl-2020 fil-lokalità ta' Casalborgone fl-Italja. Apparti l-Mellieħa u Casalborgone, imsieħba oħra f'din l-inizjattiva huma l-muniċipalitajiet ta' Cugir fir-Rumania u Amata fil-Latvja. Il-*workshop* se jittratta d-drittijiet marbuta mal-ġeneru fil-pajjiżi rispettivi. Biex dan ikun possibbli ġew allokati ftit inqas minn €25,000 taħt il-programm ERASMUS+.

**Benesseri tal-Annimali**

Il-Kunsill irrisponda għall-sejħa li saret mill-*Animal Welfare and Promotion Service Directorate* billi applika sabiex jitjiebu l-faċilitajiet fejn jinżammu qtates li jkunu ġew imsewwija mill-veterinarju. Attwalment dawn qed jitpoġġew ġewwa remissa fil-kumpless tal-Irżieżet ta' Selmun. Id-Dipartiment approva għotja ta' €8,000, filwaqt li l-proposta sottomessa mill-Kunsill tinvolvi nefqa stmata li tlaħħaq €13,500. Il-ħsieb tagħna huwa li dan il-proġett isir fuq art mhix użata li tifforma parti mill-Park tal-Familja. Il-post ser ikun imdawwar b'*chain link fence;* kamra tal-injam, flimkien mat-tagħmir meħtieġ biex jinqabdu l-qtates.

**Is-Segretarjat tal-Kunsill u Sistemi Ġodda ta' Xogħol**

Kulma jmur ix-xogħol amministrattiv għas-segretarjat tal-Kunsill qed jiżdied u jsir aktar inpennjattiv, partikularment f'dak li jirrigwarda l-ħruġ ta' permessi, il-*procurement* (l-akkwist ta' servizzi u provvisti), proċeduri marbuta ma' proġetti ffinanzjati minn fondi Ewropej, jew skemi lokali. Matul l-2019 ġew ipproċessati aktar minn 4,850 permess. Id-diversi inizjattivi u proġetti ffinanzjati minn fondi Ewropej żiedu x-xogħol tas-segretarjat sostanzjalment peress li jinvolvu *procurement*, tħejjija ta' rapporti u awditjar. Finalment din iż-żieda fl-attività tinvolvi aktar xogħol amministrattiv, u għalhekk ġiet impjegata persuna oħra li d-doveri ewlenin tagħha huma marbuta maż-żamma tal-kontijiet.

Matul is-sena li għaddiet ġew modernizzati s-sistema tal-IT u s-sigurtà fl-uffiċċju amministrattiv, filwaqt li s-seduti issa huma aċċessibbli mil-media soċjali, kif ukoll wieħed jista' jikseb *recordings* tagħhom meta jrid billi jniżżilhom mis-sit elettroniku tal-Kunsill.

**<u>Il-Manikata</u>**

Bħalma sar fil-Mellieħa, fil-Manikata wkoll ġew installati dwal ornamentali fi Triq Dun Manwel Grima, f'Misraħ il-Parroċċa, u fi Triq ir-Raħħala. Din l-inizjattiva kienet tinvolvi t-twaħħil ta' tmintax-il lampa ġdida bi spiża li tlaħħaq €35,000. Dan sabiex jiġu pariġġ toroq oħrajn li saru fil-qalba tal-Manikata fl-2017.

Il-Kunsill kien strumentali sabiex l-Ministeru għall-Infrastruttura u Proġetti Kapitali, daħal għall-pavimentar bil-ġebel tal-qawwi matul il-bankina li hemm biswit il-Knisja Parrokkjali tal-Manikata.

Il-Kunsill kien strumentali sabiex Infrastructure Malta, permezz ta' fondi Ewropej asfaltaw mill-ġdid Triq Għerien il-Ħida, Triq il-Wilġa u Trejqet il-Ħarrub. Bl-għoti ta' Trejqet il-Ħarrub, issa s-sewwieqa għandhom għażla oħra biex jevitaw d-djuq ta' Triq il-Manikata. Il-Kunsill qed iqis Trejqet il-Ħarrub bħala soluzzjoni temporanja għall-problema tat-traffiku fil-Manikata, sakemm tinsab soluzzjoni alternattiva li tnaqqas it-traġitt ta' vetturi ġejjin u sejrin miċ-Ċirkewwa.

Il-Kunsill issottometta talba għall-finanzjament taħt l-Iskema tar-Restawr ta' Postijiet Storiċi sabiex tiġi rrestawrata minn barra l-Knisja l-qadima tal-Manikata, u sa tmiem il-perjodu kopert b'dan ir-rapport, ix-xogħol kien qabad rittmu sewwa. Din l-iskema hija amministrata mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali flimkien mad-Diviżjoni tar-Restawr.

**<u>Restawr</u>**

F'Ottubru beda x-xogħol fuq ir-restawr tal-ħitan fuq barra tal-Batterija ta' Westreme, fejn hemm il-Mużew tat-Tunnara. Dan wara li kellhom isiru tliet sejħiet għall-offerti minħabba nuqqas ta' konkorrenza minn naħa tal-kuntratturi. Il-ħitan ta' barra ta' din il-binja jeħtieġ li jinħattu u jinbnew mill-ġdid. Bħala miżura ta' prekawzjoni l-istess ħitan kellhom jitwieżnu temporanjament permezz ta' blokki tal-konkos, li ser jitneħħew skont ma jkun qed jipprogressa x-xogħol. Apparti dan, jeħtieġ illi l-oġġetti li hemm fil-mużew jintwerew b'mod aktar attrajenti u professjonali bil-għajnuna ta' mezzi audjo-viżivi moderni. F'Diċembru kellha ssir r-raba' sejħa għall-offerti li attwalment qed tiġi evalwata. L-ispiża ser tkun kofinanzjata permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Rurali.

**Il-Qasam Sportiv**

Ma naqasx l-involviment tal-Kunsill fl-organizzazzjoni ta' diversi attivitàjiet sportivi, bħalma huwa l-*Voomquest 2019 Power Boat Race*, l-*International Sailing Championships*. Il-Kunsill kien involut ukoll:

- Fil-kompetizzjonijiet ta' sparar fuq il-plattini flimkien mal-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonijiet tal-Mellieħa;
- Fl-organizzazzjoni tal-*Home Run Derby* organizzata mill-Mellieħa Baseball & Softball Team, kif ukoll fix-xiri ta' tagħmir sportiv użat fl-istess dixxiplina;
- Fil-*Penalty Shoot Out* organizzata mill-Mellieħa Football Club Nursery; u
- Fix-xiri ta' gerijiet u trofej għan-Netball Team.

Reġa' sar it-*tournaments* tas-*Snooker* organizzat mill-Kunsill, li edizzjoni tal-2019/20 ġiet imnedija kmieni f'Diċembru.

Il-Kunsill kompla joffri l-faċilitajiet fil-Park tal-Familja mingħajr ħlas lin-Netball Team, lill-Mellieħa SC Libertas, u lill-Mellieħa Tritons Sports Club, li issa huma regolati bi ftehim rivedut li jiskadi fi tmiem ta' kull staġun. SportMalta wkoll baqgħu jagħmlu użu minn dawn il-faċilitajiet biex ittellgħu attivitàjiet li jippromwovu l-eżerċizzju fiżiku. Ma naqsux lanqas individwi u organizzazzjonijiet li talbu jagħmlu użu mill-faċilitajiet sportivi tal-park.

Saret applikazzjoni sabiex jinkisbu fondi permezz tal-Miżura 2 tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Rurali bil-għan li jinxtara tagħmir sportiv għall-Park tal-Familja. Il-Kunsill qed jara wkoll li jottjeni fondi minn SportMalta sabiex issir manutenzjoni tal-*outdoor gym.*

Il-Kumitat Olimpiku Malti tenna r-rikonoxximent tiegħu għal dan l-impenn fil-qasam sportiv bl-għoti tat-tieni premju fis-sezzjoni tal-Kunsilli Lokali fl-*MOC Awards* li ġew ippreżentati fis-7 ta' Diċembru.

**Attivitàjiet Soċjo-Kulturali**

Fil-25 ta' Lulju ġie mfakkar Jum il-Kunsill bl-attività` ewlenija kienet l-għoti ta' l-onorefiċenza Ġieħ il-Mellieħa lil żewġ persuni nvoluti fil-qasam sportiv u politiku, filwaqt li tliet persuni ngħataw l-unur ta' Rikonoxximent il-Mellieħa. Persuna oħra ngħatat apprezzament għall-għoti tad-demm b'mod regolari. Is-serata ta' Jum il-Kunsillk żvolġiet f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II taħt il-patroċinju tad-Deputat Prim Ministru u Ministru tas-Saħħa – l-Onor Chris Fearne.

F'Mejju saret attività fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm, filwaqt li f'Jum il-Missier ittellgħet f'Ġunju. Fl-istess xahar sar *re-enactment* tal-bandu f'Lejlet il-Festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ. Kull nhar ta' Ġimgħa, matul ix-xahar ta' Lulju, reġgħu ittellgħu s-serati "L-Arti fil-Misraħ" li qed isservi ta' attrazzjoni għat-turisti u l-Maltin li jiffrekwentaw dan il-post. F'Novembru saret attività fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tat-Tfal. Ġew organizzati sitt ħarġiet kulturali, li ngħataw bixra differenti u aktar interessanti għall-minn jattendi, permezz ta' finanzjament li ksibna mill-LESA.

Avvenimenti bħall-"Iljieli Melleħin", "Milied Mellieħi" u "Festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ" huma kkunsidrati bħala okkażjonijiet li jiġbdu ammont konsiderevoli ta' Maltin u turisti lejn il-lokalità, u għalhekk għandhom aspett kummerċjali sinifikanti. Dawn it-tip ta' inizjattivi huma appoġġjati minn entitajiet governattivi bħad-Dipartiment tal-Kummerċ, permezz tal-Premju Appoġġ għall-Intrapriża Lokali, u permezz ta' skemi tal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu u tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali. Il-Kunsill jara wkoll li jinġieb *sponsorship*, bħalma kienet l-aħħar edizzjoni ta' Milied Mellieħi, li reġa' beda jsir taħt it-tinda f'Misraħ il-Parroċċa.

**Finanzjament ta' Inizjattivi minn fondi Ewropej**

Il-Kunsill ħa sehem fil-proġett *"KNOTS! – Knowledge, NOT Scepticism*", taħt il-programm *Europe for Citizens*, li qed jiġi kordinat mill-Muniċipalità ta' Repashuta fl-Ungerija It-twettieq tiegħu beda fi Frar 2018 u ntemm proprju f'Novembru u kien jikkonsisti b'sensiela ta' erba' *workshops.* Fl-2019 saru tlieta minnhom fil-lokalitàjiet ta' Vila Nova fil-Portugal, f'Deryneia f'Ċipru u dak konklussiv f'Rapashuta l-Ungerija. Il-Kunsill kien rappreżentat fl-erba' avvenimenti minn membri eletti fi ħdanu.

**Ġemellaġġi ma' lokalitàjiet barranin**

F'Marzu, tliet żgħażagħ mill-Mellieħa ipparteċipaw fil-*4th Ahrweiler Freedom Week* li saret fil-lokalità tewmija ta' Adenau fil-Ġermanja. F'Ottubru l-Kunsill ġie mistieden għall-Festival Medjevali f'Agia Napa Ċipru fejn ittieħdet l-opportunità biex jiġi ċċelebrat l-għaxar anniversarju mill-iffirmar tal-ftehim tal-ġemellaġġ Mellieħa/Agia Napa li sar fil-25 ta' Settembru 2009. F'Novembru, it-tliet lokalitàjiet ġemellati mal-Mellieħa – Adenau, Cavriglia u Agia Napa ġew mistiedna fil-Mellieħa jiġi diskuss it-tiġdid tal-koperazzjoni li diġa teżisti għall-ħames snin li ġejjin, bit-tfassil ta' programm li jinkludi skambji bejn għaqdiet volontarji bbażati fil-lokalitàjiet rispettivi. Għaldaqstant waqt iż-żjara tad-delegazzjonijiet minn Agia Napa u Cavriglia dawn kellhom laqgħat mal-għaqdiet mużikali, kif ukoll mal-Mellieħa Sports Club.

**Ġbir tal-Iskart**

Lejn l-aħħar ta' Ottubru 2018 bdejna niġbru l-iskart domestiku separatament, tliet darbiet fil-ġimgħa, filwaqt li dak riċiklabbli baqa' jinġabar nhar ta' Tlieta u l-Ħamis. Biex sar dan it-tibdil il-kuntrattur imqabbad mill-Kunsill intalab jagħmel tliet ġabriet addizzjonali, li qed tagħmel tajjeb għalihom il-Wasteserv. Kien qed jiġi osservat li nhar ta' Tnejn, meta l-kuntrattur huwa obbligat li jiġbor il-borża s-sewda u l-ġriża, l-ewwel kienet tinġabar il-borża s-sewda, filwaqt li f'ċertu postijiet kienu qed isiru ġżuz ta' boroż bojod biex jinġabru aktar tard. Billi din il-prattika ma kinitx qed tagħti dehra sabiħa fit-toroq, il-kuntrattur intalab jipprovdi t-tieni scammel sabiex il-ġbir taż-żewġ boroż isir fl-istess ħin, bi spiża addizzjonali. Iż-żoni tas-Sellum u ta' Ġerbulin, li huma ffrekwentati minn nies li jiġu fi tmien-il ġimgħa, il-Kunsill talab tibdil fil-leġislazzjoni bil-għan li jsir ġbir tal-boroż is-suwed u l-bojod anke nhar ta' Ħadd, bejn Lulju u Settembru.

F'Diċembru 2018 saret sejħa fost iż-żewġ skemi liċenzjati biex jiġbru l-iskart riċiklabbli bi kriterji mfassla skont l-esiġenzi tal-lokalitàm li evolvew matul iż-żmien. Ġiet magħżula l-Koperattiva GreenPak li ssodisfat l-istess kriterji. Oltre minn dak mitlub, GreenPak offrew li joperaw il-*bring-in sites* permess ta' *i-bins,* li hekk kif jimtlew jiġġeneraw messaġġ elettroniku lill-kuntrattur sabiex ibattalhom. Permezz tal-kuntratt il-ġdid, il-ġbir

tal-iskart riċiklabbli bieb-bieb issa qed jingħata permezz ta' żewġ scammels, u għalhekk f'ħin aktar qasir u b'aktar serħan-il moħħ.

**Tindif ta' postijiet rurali**

L-ewwel sitt xhur tat-Tmien Kunsill kienu karatterizzati bin-numru ta' *clean-ups* li saru f'diversi nħawi bl-involviment ta' diversi nies. Fil-fatt saru sitta li kienu jinvolvu, Selmun, l-Aħrax tal-Madonna, Tal-Ibraġ, Wied Musa, u l-Armier. Tal-aħħar kienet tinkludi tħawwil ta' siġar mit-tfal.

**L-Edukazzjoni**

Il-Kunsill, bil-kollaborazzjoni tad-Diviżjoni tal-Edukazzjoni u d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali daħal fl-Iskema Tagħlim Tul-il Ħajja, li permezz tagħha attwalment għaddejjin b'żewġ korsijiet wieħed fil-lingwa Maltija u ieħor tal-Ingliż għall-Barranin. Id-domanda għal dawn il-korsijiet baqgħet konsistenti bil-preżenza ta' ħaddiema barranin fostna. Flimkien mad-Direttorat tal-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Prevenzjoni tal-Mard ingħataw korsijiet tal-*aerobics* u fin-nutrizzjoni. Il-Kunsill qed jiffinanzja sessjonijiet tal-*aerobics* għall-anzjani li jattendu ċ-Ċentru ta' Matul il-Jum. Bis-sehem ta' entitajiet privati u ndividwi, il-Kunsill kien strumentali biex ingħataw korsijiet fl-użu tal-kompjuter, fl-ewwel għajnuna, is-CPR, zumba, *line dancing,* u *laughter yoga*.

**Servizzi fil-Komunità`**

Il-Kunsill kompla jiffinanzja servizz ta' *minibus* għall-ġarr tal-anzjani minn djarhom għaċ-Ċentru ta' Matul il-Jum u lura.

F'Novembru, bil-kollaborazzjoni ta' Nanniet Malta, ittellgħet attività fl-okkażjoni ta' Jum in-Nanniet. Din l-attività qed isir kull sena u hija ntiża sabiex tqarreb lejn xulxin it-tfal u n-nanniet bil-għan li tħeġġeġ ir-rispett lejn l-esperjenza u l-għaqal li għalmithom il-ħajja.

Barra minn dan, il-Kunsill ikkordina l-għoti tal-injezzjonijiet tal-influwenza lill-persuni li għandhom 'il fuq minn 55 sena. 745 persuna bbenefikaw minn dan is-servizz, li 32 minnhom kienu *bedridden*.

**Il-Qasam Letterarju**

F'Mejju ġie mniedi t-tieni volum tal-ktieb – *Mellieħa Through the Tides of Time* - Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien - li kkomplimenta l-ewwel volum li kien ħareġ fis-sena 2000. Il-ktieb ġie stampat fil-verżjoni Maltija u dik Ingliża, kemm *hard bound* u *soft bound*.

F'Ġunju ġie ppubblikat ukoll ktieb bil-lirika tad-dramm mużikali "*Naħal tal-Imħabba"* ta' Paul P. Borg, li ttellgħa għall-ewwel darba fl-okkażjoni tal-25 anniversarju mit-twaqqif tal-ewwel Gvern Lokali fil-Mellieħa.

Għas-seba' sena konsekuttiva, il-Kunsill ipparteċipa fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb li sar bejn is-6 u l-10 ta' Novembru f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi fil-Belt. Din l-okkażjoni titqies bħala pjattaforma għall-pubblikazzjonijiet tal-Kunsill, kif ukoll għall-awturi Melleħin biex jesponu x-xogħlijiet tagħhom, li mhux neċessarjament jkunu ġew iffinanzjati mill-Kunsill.

## 4.1 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet konsolidati fid-Dħul u fl-Infiq

| | | a | b | a+b | c | d | (a+b)-d/d-(a+b) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Nru. tal-Kont** | **DESKRIZZJONI** | **2019 ATTWALI JAN-DIC Eur** | **2019 MARBUTA JAN-DIC Eur** | **2019 TOTAL JAN-DIC Eur** | **2018 TOTAL Eur** | **2019 ESTIMI JAN-DIC Eur** | **VARJANZA MA` L-ESTIMI Eur** |
| **2** | **Id-Dħul** | | | | | | |
| 0000 | Mill-Gvern | 1,257,954.00 | 0.00 | 1,257,954.00 | 1,249,400.00 | 1,395,981.00 | (138,027.00) |
| 0020 | Il-'Bye-laws' | 78,339.00 | 0.00 | 78,339.00 | 92,543.00 | 86,650.00 | (8,311.00) |
| 0090 | L-Investiment | 629.00 | 0.00 | 629.00 | 1,180.00 | 800.00 | (171.00) |
| 0100 | Ġenerali | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| | **TOTAL** | **1,336,922.00** | **0.00** | **1,336,922.00** | **1,343,123.00** | **1,483,431.00** | **(146,509.00)** |
| **1** | **L-Infiq** | | | | | | |
| 1000 | Is-Salarji | 185,760.00 | 0.00 | 185,760.00 | 170,364.00 | 191,264.08 | 5,504.08 |
| 2000 | Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | 897,801.00 | 0.00 | 897,801.00 | 794,125.00 | 929,779.00 | 31,978.00 |
| 7000 | L-Infiq Kapitali | 284,343.00 | 0.00 | 284,343.00 | 494,076.00 | 1,474,509.00 | 1,190,166.00 |
| | **TOTAL** | **1,367,904.00** | **0.00** | **1,367,904.00** | **1,458,565.00** | **2,595,552.08** | **1,227,648.08** |
| | **Bilanċ** | **(30,982.00)** | **0.00** | **(30,982.00)** | **(115,442.00)** | **(1,112,121.08)** | **(1,374,157.08)** |

Noti:

## 4.2 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul fid-dettall

| | | a | b | a+b | c | d | (a+b)-d |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Nru. tal-Kont** | **DESKRIZZJONI** | **2019 ATTWALI JAN-DIC Eur** | **2019 MARBUTA JAN-DIC Eur** | **2019 TOTAL JAN-DIC Eur** | **2018 TOTAL Eur** | **2019 ESTIMI JAN-DIC Eur** | **VARJANZA MA` L-ESTIMI Eur** |
| **2** | **Id-Dħul** | | | | | | |
| **0000** | **Mill-Gvern** | | | | | | |
| 0001 | Annwali | 1,190,025.00 | 0.00 | 1,190,025.00 | 1,129,804.00 | 1,159,252.00 | 30,773.00 |
| 0002 | Supplimentari | 212.00 | 0.00 | 212.00 | 80,812.00 | 224,578.00 | (224,366.00) |
| 0003 | Bżonnijiet Speċjali | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0004 | Delegazzjonijiet Publiċi/Governattivi | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 38,784.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0015 | Ħwejjeġ Oħra | 67,717.00 | 0.00 | 67,717.00 | 0.00 | 12,151.00 | 55,566.00 |
| | | **1,257,954.00** | **0.00** | **1,257,954.00** | **1,249,400.00** | **1,395,981.00** | **(138,027.00)** |
| **0020** | **Il-'Bye-Laws'** | | | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | 72,925.00 | 0.00 | 72,925.00 | 84,875.00 | 78,900.00 | (5,975.00) |
| 0036 | Ksur tal-'bye-laws' | 4,033.00 | 0.00 | 4,033.00 | 7,520.00 | 7,500.00 | (3,467.00) |
| 0056 | Għotjiet Sponsorjali | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0066 | Ġenerali | 1,381.00 | 0.00 | 1,381.00 | 148.00 | 250.00 | 1,131.00 |
| 0070 | Fondi tal-Unjoni Ewropea | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| | | **78,339.00** | **0.00** | **78,339.00** | **92,543.00** | **86,650.00** | **(8,311.00)** |
| **0090** | **Investiment** | | | | | | |
| 0091 | Imgħax tal-Bank | 629.00 | 0.00 | 629.00 | 1,180.00 | 800.00 | (171.00) |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | | | 0.00 | | 0.00 | 0.00 |
| | | **629.00** | **0.00** | **629.00** | **1,180.00** | **800.00** | **(171.00)** |
| **0100** | **Ġenerali** | | | | | | |
| 0110 | Donazzjonijiet | | | 0.00 | | 0.00 | 0.00 |
| 0120 | Kontribuzzjonijiet | | | - | | 0.00 | 0.00 |
| 0141 | Insurance Claims | | | 0.00 | | 0.00 | 0.00 |
| | | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** |
| | **TOTAL** | **1,336,922.00** | **0.00** | **1,336,922.00** | **1,343,123.00** | **1,483,431.00** | **(146,509.00)** |

## 4.3. L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fl-Infiq fid-dettal

| Nru. tal-Kont | DESKRIZZJONI | a<br>2019<br>ATTWALI JAN-DIC<br>Eur | b<br>2019<br>MARBUTA JAN-DIC<br>Eur | a+b<br>2019<br>TOTAL JAN-DIC<br>Eur | c<br>2018<br>TOTAL<br>Eur | d<br>2019<br>ESTIMI JAN-DIC<br>Eur | d-(a+b)<br>VARJANZA<br>MA` L-ESTIMI<br>Eur |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **1** | **L-Infiq** | | | | | | |
| **1000** | **Is-Salarji** | | | | | | |
| 1100 | L-Onorarju tas-Sindku | 13,692.00 | 0.00 | 13,692.00 | 11,194.00 | 11,226.00 | (2,466.00) |
| 1200 | Pagi ta' l-impjegati | 123,596.00 | 0.00 | 123,596.00 | 117,762.00 | 136,484.05 | 12,888.05 |
| 1300 | Bonus | 10,282.00 | 0.00 | 10,282.00 | 10,057.00 | 11,149.90 | 867.90 |
| 1400 | Dħul Supplimentari | 1,454.00 | 0.00 | 1,454.00 | 1,454.00 | 1,453.56 | (0.44) |
| 1500 | Kontribuzzjoniįçt tas-Sigurtà Soċjali | 11,361.00 | 0.00 | 11,361.00 | 10,955.00 | 12,568.57 | 1,207.57 |
| 1600 | Konċessjonijiet ('Allowances') | 3,143.00 | 0.00 | 3,143.00 | 3,182.00 | 3,182.00 | 39.00 |
| 1700 | Sahra | 5,386.00 | 0.00 | 5,386.00 | 4,610.00 | 4,000.00 | (1,386.00) |
| 1800 | L-Onorarju tal-Kunsillieri | 16,846.00 | 0.00 | 16,846.00 | 11,150.00 | 11,200.00 | (5,646.00) |
| | | **185,760.00** | **0.00** | **185,760.00** | **170,364.00** | **191,264.08** | **5,504.08** |
| **2000** | **Manutenzjoni u XoGħolijiet oħra** | | | | | | |
| 2100 | Konsum tal-bżonn (dawl/iEura/tel. etc.) | 15,997.00 | 0.00 | 15,997.00 | 16,691.00 | 14,226.00 | (1,771.00) |
| 2200 | Xiri ta' Materjal u Fornimenti | 6,616.00 | 0.00 | 6,616.00 | 2,401.00 | 2,277.00 | (4,339.00) |
| 2300 | Tiswijiet u Manutenzjoni | 101,726.00 | 0.00 | 101,726.00 | 116,648.00 | 84,400.00 | (17,326.00) |
| 2400 | Kera | 5,550.00 | 0.00 | 5,550.00 | 3,728.00 | 4,250.00 | (1,300.00) |
| 2500 | Sħubija f'GĦaqdiet Inter/nazzjonali | 1,418.00 | 0.00 | 1,418.00 | 1,748.00 | 1,900.00 | 482.00 |
| 2600 | Spejjeż ta' l-Uffiċċju | 5,527.00 | 0.00 | 5,527.00 | 6,374.00 | 6,850.00 | 1,323.00 |
| 2700 | Trasport | 42,011.00 | 0.00 | 42,011.00 | 2,583.00 | 44,700.00 | 2,689.00 |
| 2800 | Safar u vvjaĠĠar | 1,246.00 | 0.00 | 1,246.00 | 891.00 | 3,300.00 | 2,054.00 |
| 2900 | TaGħrif lill-Publiku | 16,753.00 | 0.00 | 16,753.00 | 5,541.00 | 25,478.00 | 8,725.00 |
| 3000 | Spejjeż ta' Kuntratti | 510,363.00 | 0.00 | 510,363.00 | 481,193.00 | 528,298.00 | 17,935.00 |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 26,765.00 | 0.00 | 26,765.00 | 22,898.00 | 12,500.00 | (14,265.00) |
| 3200 | TaħriĠ | 2,609.00 | 0.00 | 2,609.00 | 3,450.00 | 4,250.00 | 1,641.00 |
| 3300 | Ospitalità u Servizzi lill-Komunità | 139,193.00 | 0.00 | 139,193.00 | 121,009.00 | 120,000.00 | (19,193.00) |
| 3400 | Spejjeż oħra li jinqalGħu | 3,451.00 | 0.00 | 3,451.00 | 1,658.00 | 4,750.00 | 1,299.00 |
| 3600 | LES Spejjez tal-Infurzar Lokali | 172.00 | 0.00 | 172.00 | 696.00 | 100.00 | (72.00) |
| 3700 | Progetti tal-Unjoni Ewropea | 13,487.00 | 0.00 | 13,487.00 | 0.00 | 62,000.00 | 48,513.00 |
| 3800 | Gemellaggi | 4,917.00 | 0.00 | 4,917.00 | 6,616.00 | 10,500.00 | 5,583.00 |
| | | **897,801.00** | **0.00** | **897,801.00** | **794,125.00** | **929,779.00** | **31,978.00** |
| **7000** | **L-Infiq Kapitali** | | | | | | |
| 7001 | Xiri ta' propjeta | | | - | | 0.00 | - |
| 7100 | Bini | | | - | | 0.00 | - |
| 7200 | Titjib | 4,338.00 | | 4,338.00 | 16,957.00 | 191,229.00 | 186,891.00 |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | 12,908.00 | | 12,908.00 | 1,235.00 | 11,500.00 | (1,408.00) |
| 7500 | ProĠetti Speċjali | 267,097.00 | | 267,097.00 | 475,884.00 | 1,271,780.00 | 1,004,683.00 |
| | | **284,343.00** | **0.00** | **284,343.00** | **494,076.00** | **1,474,509.00** | **1,190,166.00** |
| | **TOTAL** | **1,367,904.00** | **0.00** | **1,367,904.00** | **1,458,565.00** | **2,595,552.08** | **1,227,648.08** |

### 6.1 HSBC Bank Savings Account

| | |
|---|---|
| **Bank statement balance** | **€ 126,380.06** |
| Plus deposits made by 31/12/19 not appearing on bank statement | € - |
| Less withdrawals made by 31/12/19 not appearing on bank statement | € - |
| **Net bank balance** | **€126,380.06** |

| | |
|---|---|
| **Bank book balance as of** | **€126,380.06** |
| Plus interest paid by 31/12/19 | € - |
| Less charges paid by31/12/19 | € - |
| **Net bank book balance** | **€126,380.06** |

### 6.2 HSBC Bank Current Account

| | |
|---|---|
| **Bank statement balance** | **€ 1,164.69** |
| Plus deposits made by 31/12/19 not appearing on bank statement | € - |
| Less unpresented cheques | €60,107.31 |
| **Net bank balance** | **-€58,942.62** |

| | |
|---|---|
| **Bank book balance as of** | **-€58,942.62** |
| Plus interest paid by 31/12/19 | € - |
| Less charges paid by31/12/19 | € - |
| **Net bank book balance** | **-€58,942.62** |

### 6.3 HSBC Bank Fixed Term Account - 3 Months

| | |
|---|---|
| **Bank statement balance** | **€58,234.34** |
| Plus deposits made by 31/12/19 not appearing on bank statement | € - |
| Less withdrawals made by 31/12/19 not appearing on bank statement | € - |
| **Net bank balance** | **€58,234.34** |

| | |
|---|---|
| **Bank book balance as of** | **€58,234.34** |
| Plus interest paid by 31/12/19 | € - |
| Less charges paid by31/12/19 | € - |
| **Net bank book balance** | **€58,234.34** |

### 6.4 HSBC Bank Fixed Term Account - 6 Months

| | |
|---|---|
| **Bank statement balance** | **€174,703.00** |
| Plus deposits made by 31/12/19 not appearing on bank statement | € - |
| Less unpresented cheques | € - |
| **Net bank balance** | **€174,703.00** |

| | |
|---|---|
| **Bank book balance as of** | **€174,703.00** |
| Plus interest paid by 31/12/19 | € - |
| Less charges paid by31/12/19 | € - |
| **Net bank book balance** | **€174,703.00** |

### 6.9 BOV Bank Fixed Term Account - 3 Months

| | | |
|---|---|---|
| **Bank statement balance** | **€** | **58,234.34** |
| Plus deposits made by 31/12/19 not appearing on bank statement | € | - |
| Less withdrawals made by 31/12/19 not appearing on bank statement | € | - |
| **Net bank balance** | **€** | **58,234.34** |

| | | |
|---|---|---|
| **Bank book balance as of** | **€** | **58,234.34** |
| Plus interest paid by 31/12/19 | € | - |
| Less charges paid by31/12/19 | € | - |
| **Net bank book balance** | **€** | **58,234.34** |

### 6.10 BOV Bank Fixed Term Account - 6 Months

| | | |
|---|---|---|
| **Bank statement balance** | **€** | **174,703.00** |
| Plus deposits made by 31/12/19 not appearing on bank statement | € | - |
| Less unpresented cheques | € | - |
| **Net bank balance** | **€** | **174,703.00** |

| | | |
|---|---|---|
| **Bank book balance as of** | **€** | **174,703.00** |
| Plus interest paid by 31/12/19 | € | - |
| Less charges paid by31/12/19 | € | - |
| **Net bank book balance** | **€** | **174,703.00** |

Total Net Balance € 574,976.21

____________________________ Carmel Debono – **Segretarju Eżekuttiv**

**Rapport Annwali tal-Uditur – Sena Finanzjarja 2019**

Idħol għaliħ permezz tal-link:

https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/PublicationsList/Financial%20Statements_2019_after%20AA_100620.pdf

**Rapport dwar il-hidma tal-Kunsillieri kif ippreżentat minnhom stess skont l-Artiklu 33A(2) tal-Att Dwar Gvern Lokali (Kap. 363)**

**Is-Sindku Dario Vella**

Sena 2019 kienet sena oħra mpenjattiva. Minn Jannar sa Gunju kont qed nokkupa l-kariga ta' Viċi Sindku fejn fl-1 ta Lulju 2019 bdejt nokkupa l-kariga ta' Sindku tal-Mellieħa wara riżultat tal-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali li saru fil-25 ta Mejju 2019. Grazzi lil dawk ir-residenti kollha li tawni l-unur u l-privileġġ u l-fiduċja fiha biex nokkupa din il-kariga mill-isbaħ li qed nġorra bl-ikbar onestà u b'ħidma qrib kulħadd.

Matul l-ewwel sitt xhur tas-sena komplejt bil-ħidma fuq ir-responsabilitajiet li kelli ta' meta kont nokkupa l-kariga ta Viċi Sindku li kienu Programmi Edukattivi; Fora Edukattivi; Skola, Sala tal-Komunità; Librerija Pubblika; Fiera tal-Ktieb; Korsijiet; Ġemellaġġi; Servizz ta' Internet Wi-Fi; Fuljett tal-Kunsill; Media Soċjali; Turiżmu, aċċess u Sigurtà fil-Bajjiet; Tindif tax-Xtut; u Siti għall-Caravans u Ikkampjar. Ħa nkun qed ndur ftit fuq ix-xogħlijiet li saru min-naħa tiegħi f'dawn l-ewwel sitt xhur qabel ma nħtart Sindku tal-Mellieħa.

F'dawn l- ewwel sitt xhur attendejt numru ta' laqgħat fosthom laqgħa plenarji tas-Sindki, Vici Sindki u Kunsilliera. Attendetj ukoll laqgħat informattivi kemm rigward id-dikasteru li kelli kif ukoll laqgħat oħrajn fejn kienu mportanti b'ċertu deċiżjonijiet fosthom Planning Authority. Dawn il-laqgħat komplew jimmaturawni iktar b mod specjali fejn tidħol il-lokalità u anke bħala Kunsill rigward il-ħidma tiegħu.

Attività li ħadt gost norganizza f'April 2019 kienet l-World Dance Day. Attività fejn tigi ċċelebrata mad-dinja kollha. Għal din l-attività attendew numru sabiħ ta tfal u anke ġenituri fejn saret żifna f'Misraħ il-Parocca. F'April ukoll kont organizzajt attività oħra sabiħa b mod specjali għad-dilettanti tal-Karozzi antiki għall-kommunita kollha Melleħija.

Ġew organizzati numru ta' korsijiet fis-sala tal-Kunsill fosthom Codica u Robotica, kemm għat-tfal u anke kbar, matul is-sena kollha. Matul dawn l-ewwel sitt xhur kont ressaqt ukoll numru ta suggerimenti u lmenti li kienu jgħadduli r-residenti tal-Kommunità tal-Mellieħa. Għaddejt wkoll idejat waqt diskussjonijiet li kienu jkunu għaddejin waqt is-seduta tal-Kunsill. Fosthom kont ressaqt biex jigi ntrodott il-*calisthenics gym equipment* fil-Park tal-Familja, li wieħed jista' jixxabbat miegħu, kont pproponejt ukoll li tigi ntrodotta *Book Box* gewwa Gnien is-Salib fejn tfal/zgħazagħ u oħrajn ikunu jistgħu jaqraw ktieb waqt li jkunu qiegħed igawdu l-arja pura tal-gnien.

Fl-1 ta Lulju 2019 bdejt nokkupa l-kariga ta' Sindku tal-Mellieħa. Fl-ewwel diskors tiegħi bħala Sindku fl-ewwel laqgħa ufficjali tat-Tmien Kunsill kont għidt li l-kariga ta' Kunsillier ġġorr magħha resposabilitajiet kbar, li hija missjoni li wieħed għandu jaqdiha b kuraġġ u determinazzjoni fejn l-interess u l-prijorità għanda tkun dejjem il-kommunità Melleħija. Irringrazzjajt ukoll lill-ħaddiema kollha tal-Kunsill li bis-saħħa tagħhom il-Kunsill jibqa' jiffunzjona ta' kuljum. Awgurajt lil Kunsilliera kollha godda kif wkoll irringrazzjat lil dawk il-Kunsilliera li ma kienux ġew eletti. Wara konsultazzjoni li kelli mal-Kunsilliera kollha qassamt ir-responsabilitajiet u rajt li kull Kunsillier ikollu fejn jista' jaħdem. Bħala responsabilitajiet għalija zammejt l-finanzi, turizmu, ippjanar, attivitàjiet popolari, kultura u kommunitajiet. Responsabilitajiet varji u ta' importanza għal lokalità bħalma hi tal-Mellieħa. Peress li r-responsabiltà tiegħi hija ta' Sindku, il-hidma tkun dejjem iffukata fuq kull haga li tkun qed tiġri madwar il-lokalità u alura anke jkolli nidħol fuq responsabilitajiet kollha ta' kull Kunsillier. Dan isir sabiex dejjem nagħtu l-aħjar lil lokalità tagħna.

L-ewwel deċiżjoni li kelli nieħu hija l-kwistjoni ta Triq Ġorġ Borg Olivier fejn ta' kuljum bħala Kunsill konna qegħdin nircievu numru ta' kummenti u għalhekk ħtart kumitat apposta biex flimkien naħdmu fuq soluzzjoni għal din it-triq. Diskussjonijiet għadom għaddejin b'mod pożittiv ħafna kemm mal-awtoritajiet konċernati, u anke l-kommunità kummercjali. Nemmnu li verament wasal iż-żmien li din is-sitwazzjoni tiġi ndirizzata. Fl-ewwel sitt xhur ta' din l-kariga ntqajt ma' numru ta' Għaqdiet lokali u anke individwi fejn flimkien tkellimna fuq kif nistgħu mmexxu l-Mellieħa 'l quddiem u anke nibdew norganizzaw attivitàjiet godda fil-lokalità. Attendejt anke fuq bordijiet tal-Ippjanar fejn jidħlu permessi ta' progetti massivi fejn dejjem sħaqna bħala Kunsill fuq l-importanza

li nżommu l-identità tal-Mellieħa u ma nkomplux nkissru l-ambjent ta' madwarna. Tul dawn l-ewwel sitt xhur komplejna nisħqu biex l-masgar tal-Aħrax jingħata l-attenzjoni meħtiega, fejn jkollu pjan ta' immaniġġjar tajjeb fejn jiġi mgħasses erba u għoxrin siegħa kuljum, seba tijiem fil-gimgħa. B'hekk inkunu qed nsalvaw dan il-masġar milli jinqered għal dejjem.

Fejn tidhol il-kultura komplejna noħolqu attivitàjiet tradizzjonali fejn ikunu mistennija mill-kommunità Melleħija u anke jkunu ta' vetrina għat-turisti li jiġu fil-lukandi tal-Mellieħa. Attivitàjiet popolari komplejna nżidu d-doża ta' talent lokali fosthom f Iljieli Melleħin fejn kienu għal darba oħra ta' suċċess. Milied Mellieħi 2019 wara nuqqas ta' sitt snin ergajna armajna tinda kbira fejn fiha ġew armati *stands* mill-għaqdiet Melleħin stess fosthom ikel tal-milied, ikel tradizzjonali, u iktar. Barra minn hekk ġibna wkoll *tribute band* tal-Queen bl-isem ta' Royal Queen. Kienu tliet ijiem ta' suċċess fejn maltemp u mhux, in-nies setgħu jattendu mingħajr ma tħasret l-attività. Grazzi tmur lil kontributuri kollha li għenu biex din il-ħolma ssir realtà. Kienu tliet ijiem mill-isbaħ taħt it-tidna fejn tara kommunità maqgħuda.

Sena 2019, sena ta' ħidma qrib il-kommunità kollha. Grazzi lil kull min kien parti mis-sena 2019 biex flimkien komplejna naħdmu għal ġid tal-lokalità tant għal qalbna Mellieħa.

Dario Vella - Sindku

**Il-Viċi Sindku John Buttigieg**

Fl-ewwel sitt xhur tas-sena 2019 kont nassumi r-responsabilitajiet li kelli fil-kariga ta' Sindku. Fost dawn kelli r-responsabilita' tal-Proġetti Kapitali, l-Infrastruttura, il-Finanzi/*Byelaws*, membru fil-Kumitat ta' Evalwazzjoni tas-Sejhiet Pubblici u rappreżentant tal-Kunsill fil-Bord tal-Park tal-Majjistral.

Matul dan il-perjodu kont nippresjedi l-laqgħat tal-Kunsill darba kull tliet gimgħat, nattendi l-laqgħat li kien ikun hemm bżonn mal-awtoritajiet u dipartimenti konċernati. Darba kull xahar kont nattendi l-laqgħat tal-Bord tal-Park tal-Majjistral. Bhala parti mir-responsabilitajiet tiegħi kont nissorvelja u nara li jiġu mplimentati l-proġetti kapitali u xogħlijiet infrastrutturali li l-Kunsill kien approva għas-sena 2019.

Wara l-elezzjoni tal-Kunsill Lokali li saret f'Mejju 2019, jiena ġejt elett bħala Viċi Sindku, u għaldaqstant mill-1 ta' Lulju 2019 gejt mogħti responsabilitajiet ġodda mis-Sindku attwali. Fost ir-responsabilitajiet li jiena ngħatajt għandi Proġetti Kapitali, Infrastruttura, Kuntratti, il-Ġemellaġġi, rappreżentant fil-Bord tal-Park tal-Majjstral, rappreżentant fil-Kumitat tar-Reġjun tat-Tramuntana u Ċermen fil-Kumitat *Ad Hoc* li twaqqaf specifikament sabiex jistudja u jirrakkomanda rimedji bil-għan li tingħeleb l-konġestjoni tat-traffiku fi Triq Gorg Borg Olivier. B'riżultat ta' dan il-Kumitat, wara diskussjoni fost il-membri kollha tal-Kunsill, tresqet proposta fuq din il-materja, lill-Transport Malta u l-Ministeru tat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali.

Matul dan il-perjodu ħadt ħsieb li nara li l-proġetti kapitali u nfrastrutturali li kienu qegħdin jiġu implimentati, jitkomplew u jiġu mitmuma. Dan sar b'kordinament mal-kuntratturi konċernati. F'dak li huwa ġemellaġġ, f'Novembru ħadt hsieb il-kordinament ta' żjara ta' tliet ijiem fil-Mellieħa, minn delegazzjoni tat-tliet Kunsilli: dak ta' Cavriglia(Italja), Adenau (Germanja) u Agia Napa (Ċipru), sabiex jissahhew ir-relazzjonijiet bejnietna u anke jiġi mfassal pjan ta' hidma bejn l-istess Kunsilli għall-ħames snin li ġejjin.

F'dan l-istess perjodu kont nattendi b'mod regolari, tista' tgħid darba kull xahar, il-laqgħat fil-Kumitat tar-Regjun tat-Tramuntana u tal-Bord tal-Park tal-Majjistral. Il-minuti ta' dawn il-laqgħat kienu jitpoġġew fuq il-mejda tal-Kunsill għal kull mistoqsija, kjarifika jew aktar informazzjoni mitluba mill-membri tal-Kunsill. Fejn kien hemm bżonn kont nesprimi l-pożizzjoni tal-Kunsill fuq ċerti materji li kienu jolqtu speċifikament il-lokalità tal-Mellieħa.

Apparti dawn il-laqgħat matul dan il-perjodu tar-rapport ta' ħidma, attendejt dejjem għal-laqgħat tal-Kunsill u laqgħat ohra fejn kienet mitluba l-attendenza tiegħi. Dejjem tajt il-kontribut massimu tiegħħi, dejjem fl-interess tar-residenti li għas-sitt darba konsekuttiva elegewni fil-Kunsill Lokali tal-Mellieha sa mis-sena 1999.

John Buttigieg – Viċi Sindku

**Il-Kunsillier Marvin Abela**

*Introduzzjoni*

F'dawn il-paragrafi li ġejjin se nkun qed niġbor diversi aspetti tal-ħidma tiegħi bħala Kunsillier Lokali fil-Gvern Lokali (Kunsill Lokali) tal-Mellieħa li ġie elett fl-elezzjoni ta' Mejju 2019. Dan it-tmien Gvern Lokali ħa l-ġurament tal-ħatra f'Ġunju 2019 u jien bħala parti minn dan il-Gvern Lokali tajt is-sehem tiegħi kif se nelenka fis-sezzjonijiet li jmiss. Naturalment, hawnhekk se nsemmi l-aktar punti importanti tal-ħidma tiegħi flimkien ma' sħabi. Però, jien nagħmel l-almu tiegħi biex ir-rwol ta' Kunsillier naqdih bl-aktar mod responsabbli u ġenwin, b'riżq ir-residenti tal-lokalità, f'kull ħin u ċirkostanza.

*Fl-Ewwel Seduta*

Is-Sindku Dario Vella, wara li kkonsulta miegħi, afdani bir-responsabilità tal-Ħarsien tal-Annimali u tas-Settur Kummerċjali. Jien ilqajt dan l-inkarigu mgħoddi lili mis-Sindku u wiegħed l-impenn u l-ħidma tiegħi b'riżq dawn iż-żewġ setturi.

*Fit-Tieni Seduta*

<u>Punti mqajma mill-minuti</u>

Fil-ħin dedikat għall-materji mqajma mill-minuti tas-seduta preċedenti, għamilt referenza għax-xogħlijiet li saru fi Triq il-Marfa ġewwa l-Mellieħa, qrib l-għajn. F'dik il-parti tat-triq sar xogħol fejn il-wiċċ tat-triq ingħata bil-konkos u mhux bit-tarmak. Fit-tweġiba li ngħatajt mill-Viċi Sindku, intqal li skont ma qalu lilu Infrastructure Malta, iċ-ċaqliq tat-tarmak kien qiegħed iseħħ minħabba l-waqfien tal-karozzi tal-linja u allura kien meħtieġ li jsir bil-konkos.

<u>*Skema ta' Finanzjament għall-Gvern Lokali għall-Kura tal-Annimali fil-Komunità*</u>

Għamilt referenza għal cirkulari SPI.SCI.9.2019, datata 16 ta' Mejju 2019, mibgħuta mid-Dipartiment għall Gvern Lokali, Strategija u Implimentazzjoni ta' *Policy*, dwar skema ta' finanzjament għall-Gvern Lokali fuq il-kura tal-Annimali fil-Komunità. Spjegajt li waqt laqgħa li saret biex ġiet diskussa din il-materja ppreżentajt il proposta tiegħi biex bħala Gvern Lokali nkunu nistgħu nibbenefikaw minn din l-iskema.

Spjegajt li l-iskema toffri sa massimu ta' €8,000 filwaqt li l-proġett sottomess mill-Gvern Lokali tal-Mellieħa jinvolvi nefqa stmata li tlaħħaq it-€13,485. Il-proġett jinvolvi l-iżvilupp ta' biċċa art devoluta lill-Kunsill li tinsab fi Triq Ġużè Flores biswit il-Park tal-Familja fid-daħla ta' Selmun. Hawnhekk isiru faċilitajiet fejn jinġiebu qtates għal perjodu ta' konvalexxenza wara li dawn jiġu msewwija *(neutered).* Biex dan ikun possibbli, hemm bżonn li jkun hemm spazju magħluq b'*chain link fence*, kamra tal-injam u nases.

B'sodisfazzjon ngħid li l-bqija tal-membri tal-Gvern Lokali nnotaw u approvaw din l-azzjoni li mexxejt jien.

<u>*Animal Fest*</u>

Fid-dawl tar-responsabilitajiet fdati lili, ipproponejt li terġa' tibda tittella' l-attività annwali marbuta mal Ħarsien tal-Annimali. Ressaqt pjan ta' attività li jinkludi programm bl-isem ta' "Impenn u Mħabba favur l Annimali". Xtaqt li nwessa' ftit din l-attività billi ninkludi lill-NGOs kollha li jwettqu l-ħidma tagħhom b'riżq il-ħarsien tal-annimali f'pajjiżna, esebizzjonijiet tal-klieb minn diversi entitajiet bħall-Pulizija, il-Protezzjoni Ċivili u d-Dwana ta' Malta. Kien hemm il-pjan li jittellgħu *stands* bl-ikel u jintrama palk prinċipali fejn fuqu ssir attività ta' spettaklu u ta' informazzjoni. Kif jixraq f'attività bħal din, ikkordinajt biex isir it-tberik tal annimali mill-Arċipriet tal-Parroċċa. Fil-programm li ppreżentajt kien hemm diversi attrazzjonijiet oħra msemmija. F'dan ir-rigward, ipproponejt nefqa ta' madwar €4,000. Id-data proposta għal din l-attività kienet il-Ħadd 27 ta' Ottubru 2019, bejn l-10.30am u l-4.30pm. Anke hawn, b'sodisfazzjon ngħid li l-Gvern Lokali tal-Mellieħa qabel b'mod unanimu ma' dak kollu li pproponejt marbut mal-attività "Impenn u Mħabba favur l-Annimali".

Sfortunatament, peress illi kien previst maltemp qawwi għal dik id-data, wara li kkonsultajna ma' esperti meteoroloġiċi, din l-attività kellha tiġi posposta għal data oħra.

*Fit-Tielet Seduta*

<u>Punti mqajma mill-minuti</u>

Waqt il-ħin tal-materji mqajma mill-minuti tal-laqgħa preċedenti (16 ta' Lulju 2019), ġbidt l-attenzjoni tal-Gvern Lokali li ma qbiltx mal-kompożizzjoni tal-Kumitat *Ad Hoc* li ġie mwaqqaf u li kien ser jitratta l-*issues* marbuta mat-traffiku fi Triq Ġorġ Borg Olivier. Dan għamiltu għall-fatt li, bħala Kunsillier responsabbli mis-Settur Kummerċjali, ħassejt li kelli nkun parti minn dan il-Kumitat. B'konsegwenza ta' dan in-nuqqas ta' qbil, sar arranġament biex meta jkun ser jiġu diskussi punti li jolqtu lis-settur kummerċjali jien inkun mistieden għal dawn il-laqgħat.

<u>Il-Ħin allokat għall-Mistoqsijiet</u>

Waqt il-ħin tal-mistoqsijiet tal-Kunsilliera, irreferejt għall-fatt li ġejt avviċinat mill-kuntrattur li qed jaħdem fuq il-Proġett tal-Kmamar tal-Pellegrini biswit is-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna tal-Mellieħa. Dan stqarr miegħi l-ideja li b'mod temporanju jsiru linji sofor kemm man-naħa tal-kmamar u anke fuq in-naħa l-oħra tat-triq biex jiġi evitat kull periklu. Minkejja dawn il-linji sofor ma kienu ser jiġu mnaqqsa l-ebda *parking spaces* f'dik iz-zona.

Il-Gvern Lokali oriġinarjament ma qabilx ma' din it-talba tiegħi, iżda effettivament ftit ġranet wara dawn il linji sofor ġew magħmula. B'sodisfazzjon innotajt li pprevala s-sens komun b'riżq il-ġid komuni. Jien tellajt post fil-midja soċjali rigward dan il-fatt.

*Fil-Ħames Seduta*

Waqt din is-seduta, irreferejt għall-fatt li ġejt avviċinat minn persuna li qiegħda tagħmel xogħol volontarju fir-rigward tal-qtates li huma abbandunati fit-toroq. Din il-persuna qiegħda tagħti ikel u anke trattament fejn meħtieġ lil numru ta' qtates. Kif wieħed jista' jifhem, dan kollu jinvolvi spejjeż, li dwarhom din il persuna talbet biex tingħata għajnuna mill-Gvern Lokali. Ġie propost li ssir laqgħa ma' din il-persuna biex nispjegaw kif qiegħda taħdem is-sistema ta' vawċers li wieħed jista' jutilizza fil-ħarsien tal-qtates abbandunati *(stray cats).*

*Fis-Seba' Seduta*

Waqt is-seba' seduta, għamilt aċċenn għal imejl, datata 11 ta' Novembru 2019, fejn bħala Gvern Lokali ġejna mistoqsijin jekk fil-Proġett tal-LC Animal Care konniex qegħdin ninkludu wkoll qtates li huma *pets* f'residenti privati. Ir-risposta tagħna kienet li l-proġett kien ser ikopri biss qtates abbandunati *(stray cats)* – dan biex innaqqsu l-influss ta' qtates li għandna mat-toroq tal-Mellieħa u l-Manikata.

Fl-istess laqgħa għamilt ukoll intervent marbut mal-fatt illi 6 kupuni fix-xahar, bħala vawċers, ma kinux biżżejjed għall-*feeders* kollha tal-qtates. Urejt ukoll it-tħassib tiegħi li dawn il-vawċers setgħu ma kinux qegħdin jitqassmu dejjem lill-*feeders* kollha. Ir-risposta li ġiet mogħtija lili kienet li l-Gvern sejjer iżid l allokazzjoni tal-baġit tiegħu rigward il-Ħarsien tal-Annimali u mbagħad nimxu minn hemm.

*Fit-Tmien Seduta*

Għamilt referenza għall-ħajt li ġġarraf permezz ta' sajjetta fi Triq it-Tabib Joseph Grech Attard. Ġbidt l-attenzjoni li kienu għaddew ammont ta' ġranet minn meta l-ħajt waqa' u kienu tħallew xi ġebel fin-nofs għad-detriment u l-periklu tar-residenti. B'sodisfazzjoni ninnota li dan l-istess ħajt tlesta fil-ġimgħat sussegwenti.

*Fid-Disa' Seduta*

Għamilt talba għal somma flus addizzjonali min-naħa tal-Gvern Lokali għal kolonja qtates li tinsab biswit il-lukanda Mellieħa Bay ġewwa L-Għadira. Spjegajt li dawn hemm bżonn li jiġu msewwija *(neutered)* u rilokati f'post ieħor peress li dalwaqt ser jibda l-proġett ta' twaqqigħ u bini ta' din l-

istess lukanda. Għal dan il-għan, b'sodisfazzjon, il-Gvern Lokali tal-Mellieħa approva s-somma ta' €2,000 biex bihom jiġu operati *(neutered)* aktar minn 60 qattus u qattusa. B'hekk il-qtates kollha ta' dik iz-zona huma *neutered* u dan ifisser li hemm kontroll fuq dik il-kolonja biex ma tibqax tikber.

*Fl-Għaxar Seduta*

Għaddejt suġġeriment li s-somma ta' €2,000 li ġiet allokata għall-kolonja ta' qtates abbandunati fiż-żona tal lukanda Mellieħa Bay tingħata f'forma ta' vawċers b'kulur differenti biex jiġu identifikati. Issuġġerejt ukoll li dawn jiġu numerati biex jiġi evitat xi tip ta' abbuż.

*Konklużjoni*

Nixtieq nikkonkludi dan ir-rapport ta' ħidma għall-perjodu Lulju 2019 – Diċembru 2019 bi ftit ħsibijiet li jduru ma' dak kollu li għamilt f'dawn il-ftit xhur. L-ewwel ħsieb huwa marbut mal-preparazzjoni. Minkejja li din kienet l-ewwel esperjenza tiegħi fil-Gvern Lokali, fhimt li għal kull avveniment, attività, laqgħa, eċċ. ridt inkun ippreparat. Għaldaqstant, il-ħidma tiegħi wasslitni għal diversi laqgħat, anke informali, ma' diversi nies li jaħdmu fis-setturi li jien responsabbli minnhom biex fhimt il-bżonnijiet u s-suġġerimenti tagħhom u mbagħad ressaqthom għall-kunsiderazzjoni tal-Gvern Lokali. Ħsieb ieħor huwa marbut mal-ħidma f'tim – kemm hu ta' ġid għal kulħadd li l-ħidma tagħna ssir flimkien ma' min għandu ħsibijiet jew opinjonijiet differenti imma li għandhom għan wieħed. Jien għamilt kulma stajt, f'kull ċirkostanza li kont fiha, biex nagħti l-kontribut tiegħi ħalli b'hekk il-Mellieħa tgawdi mill-aħjar deċiżjonijiet – u hekk se nibqa' nagħmel. L-aħħar ħsieb huwa marbut mal-viżjoni. Minkejja l-fatt li prattikament id-dinja kollha bħalissa għaddejja minn żminijiet diffiċli u inċerti, kważi bla preċedent, wieħed irid jemmen bis-serjetà li hemm futur sabiħ li nistgħu naslu għalih – imma dan jista' jseħħ biss jekk ilkoll nagħmlu l-almu tagħna. Din kienet għalija *learning curve* u żgur li se nkompli nagħmel dak kollu li naf u nista' biex flimkien mal-bqija tal-membri tal-Gvern Lokali tal Mellieħa jkollna lokalità li tixraq lill-komunità kollha tagħna.

Marvin Abela - Kunsillieri

**Il-Kunsillier Emvin Bartolo**

<u>*Trasport Pubbliku u Immaniġġjar tat-Traffiku*</u> – Flimkien mas-Sindku, il-Viċi-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv, meta kont mitlub attendejt għal diversi laqgħat msejha minn Transport Malta jew Infrastructure Malta li kienu jinvolvu arranġamenti jew xogħolijiet fit-toroq biex jilqgħu għal talbiet minn diversi entitajiet. Ma' dawn kienu diskussi ukoll xi arranġamenti mitluba minn xi residenti jew ħtiġijiet oħra fil-lokalità, fosthom sistema ta' *one-ways* fil-Manikata, fejn jiena pproponejt li Triq il-Manikata, bejn Triq il-Biedja u Trejqet il-Ħarrub tibqa' *two-way* għall-vetturi kbar biss, sabiex jiġi evitat li dawn ikunu kostretti li jgħaddu minn Trejqet il-Ħarrub għal Triq il-Mejjiesa.

Dwar il-periklu li jeżisti fi Triq il-Mejjiesa k/m Trejqet il-Ħarrub, waqt laqgħa tal-Kunsill jiena kont aċċennajt li fil-post imsemmi faċilment jistgħu jsiru kolliżjonijiet, minħabba li sewwieqa fi Trejqet il-Ħarrub ikollhom tendenza li jibqgħu telgħin fi Triq il-Mejjiesa mingħajr ma jieqfu. Għalhekk ipproponejt li jsiru marki tal-karreġġjata STOP jew GIVE WAY fi Triq il-Mejjiesa, kif ukoll biex flimkien ma' uffiċċjali minn Transport Malta, issir laqgħa fuq il-post biex naraw jekk tistax issir centre-strip żgħira li ma tkunx tippermetti li karozzi telgħin minn Trejqet il-Harrub jaqtgħu għad-dritt għal Triq il-Mejjiesa. Il-Kunsill qabel li għandha ssir proposta f'dan is-sens lil Transport Malta.

Sabiex jiġi mnaqqas il-volum tat-traffiku li attwalment qed jgħaddi mill-Manikata ressaqt proposta li għandu jitkompla l-programm tat-TEN-T u ssir triq li tgħaqqad Triq Lewis Wettinger u l-*bypass* ta' San Pawl il-Baħar. B'din il-proposta tkun qiegħda tiġi ndirizzata wkoll il-problema ta' hruġ tat-traffiku mill-Mellieħa speċjalment fi tmiem il-ġimgħa u matul ix-xhur tas-Sajf.

F'laqgħa li saret mal-LESA fit-8 ta' Ottubru 2019 mas-Sinjuri C. Tonna u S. Mallia mil-LESA, u li għaliha attendew ukoll il-Kunsillieri E. Bartolo u R. Cutajar Bartolo, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv C. Debono, ġew trattati ssuġġetti segwenti:

(a) Superiviżjoni tat-traffiku fejn l-iskola fi Triq Qasam Barrani;
(b) Infurzar tal-*one-way* fi Triq il-Miżieb fil-Ħdud u btajjel pubbliċi; u
(ċ) Infurzar tar-regolamenti dwar l-iskart.

Waqt laqgħa ohra tal-Kunsill, kont tkellimt dwar l-ispustjar ta' *pedestrian crossing* fi Triq il-Marfa wara talba li saret minn xi residenti. F'dan is-sens kont ipproponejt li l-*pedestrian crossing* li hemm fi Triq il-Marfa, qrib it-triq li tagħti għall-Moll tat-Tunnara tiġi spusstjata iktar lejn ir-*roundabout* sabiex tkun iktar viżibbli għas-sewwieqa ġejjin mid-direzzjoni tas-Sellum u għaldaqstant jonqos il-periklu għal min ikun qieghed jaqsam it-triq. Kont ġbidt l-attenzjoni ukoll li l-*belisha beacon* fuq in-naħa tal-baħar qatt ma sar. Il-Kunsill qabel li għandha ssir talba lill-Transport Malta sabiex din tiġi spusstjata kif propost, kif ukoll issir *buildout* fuq kull naħa bil-*belisha beacon*.

Fl-24 ta' Ottubru 2019, flimkien mas-Sindku D. Vella, il-Viċi Sindku J. Buttigieg u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono attendejt għal laqgħa li saret ma' Projects Malta dwar Titjib fil-parkeġġi tal-Għadira għaliha (ref. PA 11231/18). Fost l-aspetti tal-proġett li ġew diskussi kien hemm proposta li saret minn Projects Malta sabiex il-Kunsill jieħu f'idejh it-tmexxija tal-parkeġġ, iżda ġiet magħmula ċara li ma jistax jintalab ħlas għall-użu tiegħu. Waqt l-istess laqgħa jiena kont għamilt aċċenn b'mod partikolari dwar kontroll fuq l-użu tal-parkeġġ ippjanat biswit il-Mellieħa Bay Hotel fejn kont shaqt li kemm-il darba dan ma jkunx ikkontrollat, jista' faċilment jispiċċa f'*caravan site* tul il-perjodu tas-sajf u għaldaqstant ma jintlaħaqx l-għan li għaliħ ikun sar. Dwar il-kontroll fuq id-dħul tal-*caravans* u *campers*, Projects Malta talbu lill-Kunsill jemenda l-*Bye-Laws* KLBL 37/02/2017 sabiex jiġi pprojbit l-aċċess ta' *caravans* u *campers* fil-parkeġġ. Ġiet ukoll mgħoddija pjanta aġġornata tal-parkeġġ. Meta dawn il-punti ġew diskussi waqt laqgħa tal-Kunsill ġiet espressa l-fehma li huwa prematur illi f'dan l-istadju, il-Kunsill jiddikjara li lest jieħu t-tmexxija tal-parkeġġ, iżda konsistenti mal-pożizzjoni addottata aktar qabel kien hemm qbil li l-ipparkjar tal-*caravans* u *campers* għandu jiġi pprojbit fil-parkeġġ, u għaldaqstant għandha ssir emenda fil-*Bye-Laws* K.L.B.L. 37/02/2017.

<u>*Community Policing u Materji oħra li Jinvolvu il-Pulizija*</u> – Fit-8 t'Awwissu 2019, ġie mniedi l-proġett pilota tal-*Community Policing* fil-lokalità. Sa mill-bidu ta' dan il-proġett, jiena żammejt kuntatt kontinwu mal-membri li jiffurmaw dan il-grupp kif ukoll mal-konsulent is-Sur Christopher Bull. Wara talba li saret, kien hemm qbil li waqt il-laqgħat tal-Kunsill, ikun hemm ftit hin allokat sabiex il-Kunsilliera jkunu aġġornati dwar ix-xogħol tal-*Community Policing*. Fil-fatt waqt waħda minn dawn il-laqgħat, is-Sur C. Bull għarraf li minn kemm ilha li bdiet tiffunzjona l-Pulizija tal-Komunità fil-Mellieħa kien hemm 'il fuq minn 600 każ irrappurtat u jidher li kull ma jmur ir-

residenti qed isiru aktar konxji tas-servizz u jirrikorru lejħ. Dan huwa evidenti minn statistika li turi tnaqqis fil-kriminalità rrappurtata fil-Mellieħa. Is-Surġent G. Gatt qalet li attwalment qed isir aċċenn fuq il-*pickpocketing,* kif ukoll qed isiru żjarat bieb-bieb fil-Manikata, filwaqt li hija ppjanata laqgħa fis-Sala Parrokkjali għar-residenti ta' dan ir-raħal.

Jiena aċċennajt għall-kuntatti li kelli mal-Pulizija tal-Komunità, fejn kienet ġiet imtennija talba li kienet saret sabiex jiġi pprovdut parkeġġ riżervat għall-vettura tal-Pulizija wara li dawn itemmu x-xogħol tal-ġurnata tagħhom sabiex ikunu jistgħu jħalluha qrib l-għassa. Il-Kunsill qabel li għandu jiġi pprovdut spazju għal żewġ vetturi tal-Pulizija fi Triq il-Marfa, filwaqt li dak riżervat għal persuni b'diżabilità jmur in-naħa l-oħra tat-triq minflok dak tal-Pulizija. Kien hemm qbil li għandu jiġi pprovdut spazju ieħor għall-vettura tal-Pulizija fil-parkeġġ biswit Ġnejnet il-Kunsill.

Fuq talba li saret lill-Kunsill, permezz ta' imejl datat 14 ta' Ottubru 2019, mibgħut mis-Sur C. Bull, il-konsulent dwar il-Pulizija tal-Komunità, fejn talab assistenza mill-Kunsill fl-eżerċizzju ta' *Environment Visual Audit* f'Santa Marija Estate. Il-Kunsill qabel li, jiena flimkien mal-Kunsilliera R Bartolo Cutajar ngħinu f'dan eżerċizzju, li permezz tiegħu jkunu jistgħu jiġu identifikati fatturi li jikkawżaw nuqqas ta' sigurtà f'din iż-żona.

*Kumitat dwar l-Evalwazzjoni tal-Offerti* – Bħala membru fuq dan il-kumitat nieħu sehem attiv ħafna fid-diskussjonijiet li jkun hemm dwar l-evalwazzjoni ta' kull offerta. B'mod naturali nuża l-esperjenza li għandi f'dan il-qasam minħabba li ili fuq dan il-kumitat minn meta ġejt elett fil-Kunsill fl-1999. Barra minn hekk nuża ukoll l-għarfien li jiena ksibt min-natura tax-xogħol tiegħi fuq proġetti li hdimt fuqhom. Nagħti l-għajnuna tiegħi fi kważi l-oqsma kollha tal-iskrutinju meħtieġ.

*Kordinazzjoni tal-Festi Reliġjużi* – Nagħti sehem dirett fl-arranġamenti meħtieġa, specjalment fil-qasam tal-kontroll tat-traffiku skont il-ħtieġa. Ta' min isemmi li l-festi fil-Mellieħa u l-Manikata jimxu b'mod tajjeb ħafna minħabba li l-Kunsill dejjem żamm laqgħat mal-għaqdiet konċernati, l-awtoritajiet tal-Knisja u l-Pulizija u l-LESA. Ħafna drabi, wieħed faċli jirrealizza li l-akbar problema tkun l-għeluq tat-toroq prinċipali u t-fassil ta' rotot alternattivi, imma tajjeb li wieħed jinnota li dejjem sibna mezz ta' kif mmexxu l-affarijiet 'l quddiem bl-inqas inkonvenjent.
*Kumitat ad hoc dwar Triq Ġorġ Borg Olivier* – Fuq proposta tas-Sindku twaqqaf kumitat sabiex jistudja u jikkonsulta mal-partijiet kollha nvoluti fil-problemi li jaffettwaw it-triq in kwistjoni. Il-kumitat huwa kompost hekk :

Chairman – il-Viċi Sindku John Buttigieg
Membri – is-Sindku Dario Vella u l-Kunsillier Emvin Bartolo;

Hemm qbil li sabiex il-Kumitat jottjeni stampa sħiħa tas-sitwazzjoni jeħtieġ li jsiru konsultazzjonijiet ma':

- General Retailers & Traders Union (Chamber for SME's);
- Transport Malta;
- Malta Public Transport; u
- Il-LESA.

*Kumment ġenerali fuq materji oħra* – B'mod regolari nieħu sehem attiv fid-diskusskonijiet li jsiru kemm waqt laqgħat uffiċjali tal-Kunsill u anke laqgħat oħra li jsiru ma' setturi differenti. Inwassal ukoll il-vuċi ta' residenti li jkollhom talbiet u ħtiġijiet oħra mill-Kunsill Lokali. Bħala eżempju nista' nsemmi d-dwal li jonqos isiru f'partijiet minn Santa Maria Estate, kif ukoll inkonvenjent li qiegħda ssofri familja fi Triq Għajn Żejtuna minhabba dhul ta' ilma meta jkollna xita qawwija f'hin qasir, minkejja *culvert* eżistenti. F'dan is-sens jiena pproponejt li *l-culvert* eżistenti għandu jiġi mtawwal sabiex il-bokka tiegħu tiġi 'l isfel mid-*drive-in* tal-fond in kwistjoni. Fil-fatt kien hemm qbil li għandu jiġi kkuntattjat il-perit tal-Kunsill qabel tingħata tweġibapermezz tal-avukat.

Emvin Bartolo – Kunsillier

**Il-Kunsilliera Rebecca Bartolo Cutajar**

(Siltiet mill-minuti tal-Kunsill marbuta mal-ħidma tagħha)

*16-07-2019 - Tindif volontarju (T/4/6/Vol V)*

5.14.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar għarrfet li fid-9 ta' Lulju 2019, fuq inizjattiva ta' żewġ residenti, flimkien ma' għoxrin persuna oħra sar tindif volontarju fl-inħawi tar-Ramla tal-Bir u r-Ramla ta' Kejl, qrib il-lukanda Ramla Bay.

5.14.3. Is-Sinjura Bartolo Cutajar ipproponiet li dawn it-tip ta' inizizzjattivi jsiru darba fix-xahar f'postijiet differenti, bl-ewwel interventi jsiru fiż-żona tal-Aħrax. Hija ssuġġeriet li ssir oħra fid-8 ta' Awwissu 2109 qrib il-kappella tal-Kunċizzjoni bil-sehem ta' għaqdiet Melleħin.

*5.15.1. Tagħrif stampat dwar l-ġbir tal-iskart (K/6/11)*

5.15.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar rreferiet għall-abbozz tal-flyer dwar il-ġranet tal-ġbir tal-iskart domestiku, mgħoddi minn GreenPak. Hija kkummentat li fuqu għandha ssir referenza li l-iskart jista' jinħareġ mhux iktar minn sagħtejn qabel jibda l-ġbir. Ippproponiet li dan ikun daqs A4 u jkun hemm lista bil-kategoriji differenti tal-iskart fuq in-naħa ta' wara tal-istess flyer.

*5.16.1. Infurzar tar-regolamenti dwar id-depożitu tal-iskart (W/3/Vol XI)*

5.16.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar aċċennat għall-abbużi persistenti li qed ikun hemm bid-depożitu ta' skart fit-turġien li jagħtu għal Triq Ġorġ Borg Olivier. Apparti li dawn qed jitqiegħed f'dawn il-postijiet wara li ssir it-tieni ġabra, qed jiġri li t-tip ta' skart li jkun tħalla ma jkunx ser jinġabar l-għada. Hija appellat sabiex il-Kunsill jitlob servizz ta' infurżar tal-liġi biex dawn abbużi persistenti jinqatgħu.

*5.18.1. Tisbiħ tat-turġien (P/4/17)*

5.18.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ipproponiet li l-Kunsill jikkonsidra jtejjeb id-dehra tat-turġien pubbliċi meta wieħed iħarsilhom minn naħa t'isfel tagħhom. Osservat illi f'ċerti lokalitàjiet fi Sqallija dawn jissebbħu permezz ta' madum iddisinjat fil-parti l-wieqfa tat-taraġ.

*5.19.1. - European Mobility Week 2019 (A/4/5/Vol II)*

5.19.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għal imejl datat 12 ta' Lulju 2019, fejn l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali stiednet lill-Kunsilli Lokali jieħdu sehem f'kompetizzjoni mnedija minn Tansport Malta li tinvolvi għotjiet biex isiru attivitàjiet b'rabta ma' din il-kampanja, bejn is-16 u t-22 ta' Settembru 2019. Din il-kompetizzjoni hija mmirata biex tippromwovi trasport sostenibbli fuq livell lokali. Hija għarrfet li se tattendi laqgħa ta' informazzjoni fid-19 ta' Lulju 2019. Id-data tal-għeluq hija l-31 ta' Lulju 2019.

*5.20.1. Servizz dwar tindif ta' toroq urbani (T/4/5/Vol IV)*

5.20.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ikkummentat li l-istat tal-indafa ta' ċerti toroq jista' ikun aħjar, forsi biż-żieda ta' kennies ieħor minħabba t-tul ta' toroq involuti.

*22-07-2019 –* Laqgħa mal-kuntratturi tal-iskart (recylable, non-nurban, domestic refuse, urban street cleaning).

*12-08-2019 - 2.8.1. Tindif volontarju (T/4/6/Vol V)*

2.8.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-minuta 5.14.3 tas-seduta ta' qabel dwar it-tindif volontarju li sar fit-8 ta' Awwissu 2019 qrib il-kappella tal-Kunċizzjoni ġewwa l-Aħrax, bis-sehem ta' 45 persuna, inkluż uffiċjali mill-Pulzija tad-Distrett u mit-Tim tal-Pulzija tal-Komunità.

2.8.3. Hija qalet ukoll li saret attività simili fid-19 ta' Awwissu 2019, bejn id-9.00am u l-10.30am, qrib il-kappella ta' Selmun. Din ħadu sehem fiha 30 tifel u tifla li jattendu Skolasajf fl-iskola tal-Mellieħa. Wara, it-tfal żaru ix-Xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija. It-trasport ġie pprovdut mill-Kunsill.

2.8.4. Il-Kunsilliera Bartolo Cutajar pproponiet illi l-inizjattiva li jmiss issir fl-Aħrax tal-Madonna, bħala parti mill-kampanja Clean Up The World. Din hija ppjanata li seħħ fil-21 ta' Settembru 2019 mid-9.00am 'il quddiem.

*5.20.1. Restawr tan-niċċa tal-Madonna fil-Marfa (R/2/Vol II)*

5.20.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ġibdet l-attenzjoni li n-niċċa msemmija iġġarfet u għalhekk pproponiet li jinsabu mezzi kif din tinbena mill-ġid. Hija ppreżentat ukoll ritratt li juru kif kienet qabel waqgħet.

*5.21.1. Charging pillars (V/4)*

5.21.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ipproponiet li jiżdied in-numru ta' charging pillar għall-vetturi li jaħdmu bil-batterija, billi dak li hemm fi Triq Salvinu Vella, mhux ser ikun biżżejjed ħalli jilqa' id-domanda li ċertament ser ikun hawn fi ftit tas-snin oħra. Għaldaqstant hija ssuġġeriet li jsiru oħrajn fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi u f'Misraħ il-Parroċċa.

*5.22.1. European Mobility Week 2019 (A/4/5/Vol II)*

5.22.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-minuta 5.19.1. tas-seduta preċedenti u ipproponiet li l-Kunsill għandu jissottometti proposta permezz tal-iskema msemmija hawn fuq sabiex jottjeni għotja bil-għan li jittieħdu miżuri konkreti dwar mobilità sostenibbli. Hija spjegat li hemm diversi għażliet li l-Kunsill jista' jressaq proposti dwarhom, fosthom l-introduzzjoni ta' trasport għall-anzjani.

5.22.3. Proposta oħra li tista' ssir tinkoraġġixxi lir-residenti u t-turisti jagħmlu aktar użu tar-roti fil-lokalità. B'hekk aktar persuni jibdew jużaw dan il-mezz għall-qadjiet tagħhom, partikularment fil-qalba tal-lokalità. Ir-riżultati li mistennija jinkisbu bl-implimentazzjoni ta' din il-proposta huma:

- Inqas tniġġis tal-arja fiċ-ċentru tal-lokalità, peress li jintużaw inqas vetturi;
- Bl-użu tar-roti jkun hemm inqas traffiku fit-toroq dojoq fil-qalba tal-parti urbana;
- Titjib fil-kwalità tal-ħajja tar-residenti b'aċċessibilità għal dawk il-persuni li ma jistgħux jużaw roti; u
- Aktar nies jagħmlu eżerċizzju fiżiku.

*5.23.1. Kampanja dwar l-impatt tal-bżieżaq u użu ta' tazzi tal-plastik (K/11)*

5.23.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar aċċennat għall-użu tal-bżieżaq waqt il-festa tal-Vitorja, u qalet li l-Kunsill għandu jgħaddi messaġġ lill-pubbliku kontra l-użu tagħhom fl-attivitàjiet marbuta magħha.

5.23.4. Is-Sinjura R. Bartolo Cutajar ippromponiet ukoll li l-Kunsill jixtri kwantità ta' tazzi tal-plastik li jistgħu jinħaslu u jintużaw kemm-il darba, partikularment fejn ikun hemm attivitàjiet fil-beraħ fejn il-liġi tipprojbixxi l-użu tal-ħġieġ. Dawn jistgħu jinbiegħu, jew jingħataw lil barijiet bil-għan li jiġi mħajjar l-użu tagħhom għal raġunijiet ambjentali.

*14-09-2019 – Sessjoni ta' Taħriġ għall-Membri Eletti, Lukanda Dolmen, Buġibba -* Id-Demokrazija Lokali – Sfidi u Soluzzjonijiet Governanza u l-Prinċipji ta' Ħajja Pubblika – Ir-Responsabbilitajiet ta' l-irwol.

*23 – 24-09-2019 – Seminar* - GreenPak Seminar – AKL, Marsa. TAIEX Peer to Peer Exchange.

*21-11-2019 – Konferenza Nazzjonali dwar it-Tindif* – Grand Hotel Excelsior, Floriana

*2.3.1. European Mobility Week 2019 (A/4/5/Vol II)*

2.3.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-minuta 5.22.2. tas-seduta preċedenti u għarfet li waqt il-mili tal-applikazzjoni li tinvolvi trasport għall-anzjani, maqbula fis-seduta preċedenti, kien jidher illi l-prospetti li din tiġi approvata kienu baxxi. Għaldaqstant, wara li ttieħed parir, din ġiet mibdula għal oħra li tinkoraġġixxi lir-residenti u t-turisti jagħmlu aktar użu mir-roti fil-lokalità. Din hija ntiża sabiex aktar nies jużaw dan il-mezz għall-qadjiet tagħhom, partikularment fil-qalba tal-lokalità. Ir-riżultati li mistennija jinkisbu bl-implimentazzjoni ta' din il-proposta huma:

- Inqas tniġġis tal-arja fiċ-ċentru tal-lokalità, peress li jintużaw inqas vetturi;
- Bl-użu tar-roti jkun hemm inqas traffiku fit-toroq dojoq fil-qalba tal-parti urbana;
- Titjib fil-kwalità tal-ħajja tar-residenti b'aċċessibilità għal dawk il-persuni li ma jistgħux jużaw roti; u
- Aktar nies jagħmlu eżerċizzju fiżiku.

*2.7.1. Tindif volontarju (T/6/1Vol IV)*

2.7.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-minuta 2.8.4. tas-seduta ta' qabel u fakkret li l-clean-up li jmiss ser issir ġewwa l-Aħrax fil-21 ta' Settembru 2019 mid-9.30am 'il quddiem. Hija qalet ukoll li din ser issir bħala parti mill-attivitàjiet tal-kampanja Clean Up the World u ser

tibbenefika minn €600 taħt l-iskema mnedija mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni tal-Policy.

*5.24.1. Mafkar lil Sammy Bartolo (M/9)*

5.24.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar aċċennat għall-popolarità li kien u għadu jġawdi l-kantant Sammy Bartolo. Hija pproponiet li l-Kunsill iwaqqaf monument sabiex ifakkar il-memorja tiegħu.

*5.25.1. Chewing gum bins (T/3/4)*

5.25.2. Il-Kunsillier R. Bartolo Cutajar ssuġġeriet li tinġieb stima dwar introduzzjoni ta' chewing gum bins mal-litter bins tal-iskart eżistenti.

*2.8.1. Tindif volontarju (T/6/1Vol IV)*

2.8.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-minuta 2.7.1. tas-seduta ta' qabel u għarrfet li għall-clean-up li saret ġewwa l-Aħrax fil-21 ta' Settembru 2019, bħala parti mill-attivitàjiet tal kampanja Clean Up the World, ipparteċipaw madwar ħamsin persuna. Dawn kienu ġejjinmill-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti (Mellieħa); il-Mellieħa Scout Group, fost oħrajn.

2.8.3. Is-Sinjura Bartolo Cutajar pproponiet li l-clean-up li jmiss issir fl-inħawi tal-Fortizza ta' Campbell f'Selmun fid-19 ta' Ottubru 2019 fid-9.30am.

2.8.5. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ipproponiet li għal attivitàjiet simili għandhom jiġu pprovduti pickers u kaxxa tal-ewwel għajnuna.

*2.9.1. Litter bins (L/5/Vol II)*

2.9.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-minuta 5.25.1. tas-seduta ta' qabel u ssuġġeriet li jitwaħħlu litter bins ikbar fit-toroq ewlenin fejn il-bankina tkun tippermetti.

*2.4.1. Tindif volontarju (T/6/1Vol IV) (A/5/3/Vol XIII)*

2.4.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-minuta 2.8.3. tas-seduta ta' qabel u għarrfet li l-clean-up li kellha ssir fl-inħawi tal-Fortizza ta' Campbell f'Selmun fid-19 ta' Ottubru 2019 fid-9.30am, fil-fatt saret f'Wied Musa qrib in-Noah's Ark Animal Sanctuary. Dan billi l-attività kienet taħbat mal-ħin li hija permessa l-kaċċa.

2.4.3. L-istess Kunsilliera rreferiet għall-minuta 5.11.1. tas-seduta preċedenti u pproponiet li l-clean-up li jmiss tintrabat mal-Jum Dinji tat-Tfal billi dakinhar isir t-tħawwil ta' siġar li ppjanat li jsir fl-Armier fis-16 ta' Novembru 2019 bejn is-2.00pm u t-3.00pm. Kien propost li jiġi pprovdut trasport u jsiru T-shirts bl-istemma tal-Kunsill, possibilment bis-sehem ta' sponsor.

*2.5.1. Tindif qrib Noah's Ark Animal Sanctuary (D/3/1/Vol V)*

2.5.2. Il-Kunsilliera R. Cutajar Bartolo rreferiet għall-minuta 5.8.1. tas-seduta ta' qabel u għarrfet li saret spezzjoni fuq il-post mis-Sindku D. Vella, il-Viċi Sindku J. Buttigieg, is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono, flimkien mal-foreman tad-Department tax-Xogħlijiet u l-Infrastruttura sabiex jitneħħa t-terrapien li kien hemm bl-użu ta' gaffa u trakkijiet. Hija qalet ukoll li diriġent tas-santwarju kien nfurmat b'din l-ispezzjoni u l-intenzjonijiet tal-Kunsill dwarha. Kompliet tgħid li saret taf mill-istess diriġent li l-Kunsillier I. Castillo kien ser jieħu ħsieb li jsir dan ix- xogħol billi jipprovdi skips minn naħa tiegħu.

*2.6.1. Bins għall-filters tas-sigaretti (L/5/Vol II)*

2.6.2. Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-minuta 2.9.1. tas-seduta ta' qabel u qalet li minn stħarriġ li għamlet irriżultalha li jeżistu l-bins imsemmija bi prezz ta' €140 'il wieħed.

2.6.3. Kien hemm qbil li dawn għandhom jitwaħħlu fuq il-bus stops fit-toroq ewlenin, li huma l-iktar iffrekwentati mill-pubbliku, kif ukoll f'Misraħ il-Parroċċa u fil-pjazzetta ta' Triq Ġorġ Borg Olivier, kantuniera ma' Triq Sant' Anna.

*5.9.1. Laqgħa mal-LESA (W/3/Vol XI)*

5.9.2. Il-Kunsilliera R. Cutajar Bartolo għarrfet li fit-8 ta' Ottubru 2019 saret laqgħa mas-Sinjuri C. Tonna u S. Mallia mil-LESA, li għaliha attendew ukoll il-Kunsillieri E. Bartolo u R. Cutajar Bartolo, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. Huwa qal li fil-laqgħa ġew trattati s-suġġetti segwenti:

(a) Superiviżjoni tat-traffiku fejn l-iskola fi Triq Qasam Barrani;

(b) Infurzar tal-one-way fi Triq il-Miżieb fil-Ħdud u btajjel pubbliċi; u
(c) Infurzar tar-regolamenti dwar l-iskart.

5.9.3. Dwar il-(b), is-Sinjura Cutajar Bartolo qalet li s-servizz beda wara li ġew indikati l-postijiet li l-aktar jiġu abbużati.

*5.15.1. Tqassim ta' junk mail (P/3/2/Vol V)*

5.15.2. Il-Kunsilliera R. Cutajar Bartolo qalet li għandu jsir sforz minn naħa tal-Kunsill sabiex jitnaqqas l-ammont ta' junk mail li qed jitħalla bieb-bieb, meta ħafna drabi ma jkunx mixtieq mill-istess residenti. Għaldaqstant hija pproponiet li jsiru stickers illi jitwaħħlu mal-kaxxi tal-ittri.

*5.16.1. Siti mhux żviluppati (P/5/3)*

5.16.2. Il-Kunsillier R. Cutajar Bartolo ġibdet l-attenzjoni għal xi qtajja' mhux mibnija li qed jikkawżaw inkonvenjent u periklu għas-saħħa tar-residenti bl-ammont ta' skart li jintrema fihom u l-ġrieden li jġibu. Bħala eżempju hija semmiet waħda li tinsab fi Triq tas-Salib kantuniera ma' Triq iż-Żnuber.

*2.1.1. Kampanja dwar is-separazzjoni tal-iskart (K/6/11)*

2.1.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-minuta 2.2.1. tas-seduta ta' qabel u għarrfet li l-Wasteserv baqgħu jinsistu li t-trakk illi jiġbor polystyrene (jablo), plastik, ħġieġ, karta, kartun, metal, żejt tat-tisjir, bozoz, u tessuti, fost oħrajn, jiġi pparkjat f'Misraħ il-Parroċċa.

*5.10.1. Tibdil fl-iskedi tal-gbir tal-iskart domestiku (K/6/2/Vol V)*

5.10.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar rreferiet għall-imejl datat 8 ta' Novembru 2019 mibgħut mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie mitlub jgħid jekk għandux l-intenzjoni li jagħmel tibdil fil-ġranet li fihom jinġabar l-iskart domestiku qabel jiġi ppubblikat l-aġġornament annwali skont L.S. 549.40. Hija pproponiet li għandha ssir ġabra tal-borża s-sewda għall-iskart imħallat fiż-żoni Ta' Gerbulin u Tas-Sellum, bejn Lulju u Settembru minħabba l-influss ta' resident li jiġu partikolarment fi tmiem-il ġimgħa. Hija qalet li n-nuqqas ta' dan is-servizz inħass matul is-sajf 2019.

5.10.5. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar aċċennat ukoll li waħda mir-rekwiżiti li kien għamel il-Kunsill fis-sejħa biex tintagħażel l-iskema, kienet dik tal-ġbir tal-ħġieġ minn ristoranti u barijiet. Hija qalet li baqgħet ma ġiet implimentata.

*5.16.1. Sewqan perikoluż fi Triq Ramlet il-Qortin (T/3/2/Vol XV)*

5.16.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ġibdet l-attenzjoni dwar il-ħtieġa ta' speed humps fit-triqimsemmija peress li qed ikun hemm sewwieqa li jsuqu b'veloċità qawwija.

Rebecca Bartolo Cutajar - Kunsilliera

**Il-Kunsilliera Annabelle Brincat Stellini**

***Seba' Kunsill Jan-Ġun 2019 (Responsabilitajiet – Edukazjoni, Proġġetti EU, Attivitàjiet Kulturali u Attivitàjiet Ohra)***

*<u>Proġġetti EU</u>*

10-12 Apr 2019 – attendejt il-konferenza ġewwa r-Rumanija tal-Eden Network Association. Ħadt ħsiebt l-applikazjoni ghall-Eden Innovaion Prize.

*<u>Attivitàjiet</u>*

Kordinazjoni tal-attività sħiħa:

4 ta' Marzu – Karnival fil-Mellieħa

11 ta' Mejju – attività ta' Jum l-Omm ġewwa d-Dar tal-Anzjani, Madonna tal-Mellieħa

16 ta' Mejju – ħarga lejn Villa Bologna għall-Jum l-Omm

15 ta' Ġunju – attività ta' Jum il-Missier ġewwa d-Dar tal-Anzjani, Madonna tal-Mellieħa

19 ta' Ġunju – San Ġwann tal-Ħġejjeġ f'Misraħ il-Parroċċa

*<u>Edukazjoni</u>*

Attendejt diversi laqgħat mal-kap tal-Iskola Primarja, fejn fost oħrajn fid-29 t'April organiżajna Jum il-Ktieb.

Proġett fejn it-tfal għamlu tpinġijiet bit-tema 'Il-Mellieħa Komunità Waħda, Qalb Waħda', fejn il-Kunsill ħareġ kartollina b'dawn it-tpinġijiet.

Kordinazjoni tal-ktieb ippublikat mill-Kunsill - 'Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien'/'Mellieha through the Tides of Time'.

Editur tal-fuljett tal-Kunsill –'Mill-Qiegħa' u 'Mill-Qiegħa għat-Tfal'.

Kordinazjoni ghal-applikazjoni sabiex għas-sena 2019-2020 jerġgħu isiru l-korsijiet fl-Ingliz u l-Malti ghal barranin taħt l-Iskema Tul il-Ħajja.

*<u>Oħrajn</u>*

Membru tal-bord tal-Fondazzjoni Grupp Azzjoni Majjistral – ħdimna fuq il-ħrug tas-sejħa ghal progetti taħt Miżura 4.

10 ta' Frar u 7 ta' Ġunju - kordinazjoni taż-żjarat mill-Unit għall-Ghoti tad-demm ġewwa l-Pjazza tal-Mellieħa.

Membru tal-bord tal-Evalwazjoni tal-Kunsill.

Kordinazjoni tal-proġetti tat-titjieb fil-ġonna Dun Anton Debono u Ġnien tas-Salib.

Kordinazjoni tal-iskema tat-tiswija tal-qtates.

Attendejt is-seduti kollha (8) u laqghat oħra li jinvovlu lil Kunsill kollu. Attendejt konferenzi matul is-sena, fosthom organizati mill-AKL. Dejjem tajt is-sehem u ipparteċipajt fejn hassejt li hemm bżonn.

**<u>Tmien Kunsill – Lulju -Diċembru 2019</u>**

***<u>(Responsabilitajiet –</u> Pubblikazzjonijiet/ Programmi tal-Unjoni Ewropea / Jum il-Kunsill/ Jum it-tfal / Fuljett Kunsill/ Raprezentant EDEN / Raprezentant Grupp Azzjoni Majjistral /Programmi Edukattivi/ Fora Edukattiva/ Korsijiet/ Skola / Librerija Pubblika / Fiera tal-ktieb / Kuntatt mal-Kunsill Skolastiku. Hargiet Kulturali / Zvilupp u Ghajnuna Socjali/ Sahha Pubblika / L-anzjani u persuni b dizabilita/ Avvanz tal-mara/ il-berga/ Cimiterji / il-Familja/ Tfal/ Akkomodazzjoni Socjali)***

*<u>Attivitàjiet (kontinwazjoni mis-Seba' Kunsill)</u>*

Kordinazjoni tal-attività sħiħa:

12 u 19 ta' Lulju – Arti fil-Misraħ, fil-Misraħ iż-Żjara tal-Papa

25 ta' Lulju – Jum il-Kunsill

26-28 ta' Lulju – Iljieli Melleħin

20 ta' Settembru – Pjazza Rock ġewwa l-Pjazza tal-Mellieħa, flimkien ma Pjazza Teatru Rjal

16 ta' Novembru – Jum it-Tfal – Clean up u Thawwil tas-Sigar, kordinata flimkien mal-Kunsillera Sa R Bartolo Cutajar, responsabli mill-Ambjent, kif ukoll mal-Kummissarju tat-Tfal u Ambjen Malta.

*Aspett Soċjali*

Attendejt diversi laqghat mat-tmexxija taċ-Ċentru Anzjanita' Attiva u Dar Madonna tal-Mellieħa.

21 ta' Sttembru – kordinajt il-mixgħela tal-Kunsill bid-dawl vjola biex infakru l-'World Alzheimer's Day'.

Settembru - Kordinajt l-aplikazzjoni għan-nomina ghall-Premju Nazzjonali fil-Qasam tad-Dimensija.

Ottubru – Kordinajt l-aplikazzjoni għan-nomina Premju Anzjanita Attiva.

Ottubru- Kordinajt l-mixgħela tal-uffiċċju roza ghall-Pink October.

1 t'Ottubru – Kordinajt biex bhala Kunsill ningħaqdu maċ-Centru Anzjanità Attiva u r-residenti tad-Dar Madonna tal-Mellieħa għaċ-ċelebrazzjoni ta' Jum l-Anzjani.

13 t'Ottubru - kordinazzjoni taż-żjara mill-Unit għall-Ghoti tad-demm ġewwa l-Pjazza tal-Mellieħa.

10 t'Ottubru – kordinajt l-attività 'Laughter Yoga' biex infakru 'World Mental Day'

21 t'Ottubru – kordinajt l-attività ta' Jum in-Nanniet li ttelgħat gewwa l-Iskola Primarja għat-tfal flimkien man-nanniet tagħom, flimkien mal-fondazzjoni 'Nanniet Malta'.

Kordinazzjoni tal-Ħarġiet Kulturali :

- 26 Settembru – Villa Francia
- 17 t'Ottubru – Tempji Ħaġar Qim
- 21 ta' Novembru – Wied Incita Nursery

*EDEN*

3 u 17 t'Ottubru kordinajt 'tour' kulturali madwar il-lokalità għall-ġurnalisti Taljani u Franċiżi flimkien mal-Awtorita Maltija ghat-turiżmu.

*Edukazzjoni*

Lulju 2019 – kordinzjoni tal-publikazzjoni tal-ktieb 'Naħal tal-Imħabba'. Din kienet itellgħat l-ewwel darba bħala musical f'Diċembru 2018, bħala parti miċ-ċellebrazzjonijiet tal-25 sena mit-twaqqif tal-Kunsilli. Reġghet itellghat fis-26 ta' Lulju 2019. Nħareġ ukoll CD. Il-kordinazzjoni ta' kollox kienet f'ideja.

Kordinzajoni tal-kors tal-kompjuter għat-tfal fis-sajf 2019.

Kordinzajoni tal-Librerija Pubblika.

Nov 19 – kordinazzjoni biex il-Kunsill ha sehem fil-Malta Book Festival ġewwa Dar il-Mediterran.

Editur tal-fuljett tal-Kunsill –'Mill-Qiegħa' u 'Mill-Qiegħa għat-Tfal'.

Attendejt is-seduti kollha (8) u laqghat oħra li jinvovlu lil Kunsill kollu. Attendejt konferenzi matul is-sena, fosthom organizati mill-AKL. Dejjem tajt is-sehem u ipparteċipajt fejn hassejt li hemm bżonn.

Annabelle Brincat Stellini - Kunsilliera

**Il-Kunsillier Kurt Buttigieg**

Bħala ħidma tul l-ewwel sitt xhur tas-sena, jien ippartecipajt f'kull laqgħa li l-Kunsill kellu, jiġifieri sitta. Apparti minn dawn il-laqgħat, jien attendejt ukoll diversi laqgħat oħra fosthom xi korsijiet ta' taħriġ u laqgħat ta' informazzjoni li kienu ġew organizzati mil-AKL.

Bħala membru f'dan il-Kunsill jien ingħatajt ir-responsabilitajiet fejn jidħlu; żgħażagħ, sports, attivitàjiet fiżiċi u sportivi u EU Programmes u youth exchanges.

*Żgħażagħ* - Bħala Kunsillier responsabbli miż-żgħażagħ, jien ħassejt il-ħtiega li niltaqgħa mal-għaqdiet taż-żgħażagħ kollha ġewwa l- Mellieħa fosthom:

- Mellieħa Scout group
- Mellieħa Youths
- Team 365.

Ma' dawn l- għaqdiet iddiskutejna l-aħjar triq 'il quddiem għall dawn iż-żgħażagħ u rajt kif bħala Kunsillier responsabbli miż-żgħażagħ, jien nista' inwassal il-messaġġ tagħhom lill-Kunsill. Iddiskutejna xi attivitàjiet li jistgħu jsiru fosthom qbilna illi fis-sena 2020, ħa jibdew isiru taħditiet edukattivi kull ġimgħa tal-aħħar tax-xahar biex dawn ikunu jistgħu jservu ta' beneffiċju għaż-żgħażagħ tagħna. Iddiskutejna wkoll mal-Mellieħa Youths kif kien ġara fis-snin ta' qabel fejn l-Kunsill ikun ta' għajnuna fil-pantomima li jtellgħu ta' kull sena.

*Sports* - Mill-bidu nett li bdejt il-ħidma tiegħi fit-Tmien Kunsill, ħassejt il-ħtiega li nibdew naħdmu biex it-tfal tal-lokalità tagħna ikollhom l-aħjar mod possibli ta' taħrig u kemm jista' jkun il-Kunsill ikompli ikun ta' għajnuna mal-għaqdiet sportivi. Fost l-għaqdiet sportivi hemm:

- Mellieħa Football School
- Mellieħa Baseball and Softball
- Mellieħa Netball team
- Mellieħa Libertas

*Mellieħa football school* - Ma' din l-għaqda konna tkellimna fuq it-30 sena anniversarju li kien ħa jaħbat fit-30 ta' Marzu u kienu ġew spjegati l-attivitàjiet li kienu se jsiru. Kont ressaqt proposta il-Kunsill u kien ġie maqbul li jagħti l-kontribut tiegħu fil-pubblikazzjoni ta' ktieb li kien ħa jsir fl-okkazjoni.

Konna tkellimna wkoll rigward il-*penalty shootout* fejn ta' kull sena, il-Kunsill inkun involut fl-organizzazzjoni tagħha. Kont mistieden biex nattendi għall-iffirmar tal-ġemelaġġ li huma għamlu mal-Provinċja ta' Ragusa fl-Italja li kien sar f'Novembru.

Bdejna diskussjonijiet mal-muniċipalitajiet ġemellati mal-Kunsill tal-Mellieħa, wara żjara li kienu għamlu fil-lokalità tagħna kien ġie maqbul li dawn iżuru lill-istess għaqda. Għal din iż-żjara attendiet delegazzjoni mil-Kunsilli ta' Ayia Napa u ta' Cavrilgia fejn ġiet diskussa l-possibiltà li dawn iżuru il-pajjiżi rispettivi tagħhom.

Bdejna diskussjonijiet biex naraw il-possibilta' li matul is-sena 2020 inkunu nistgħu nerġgħu inwettqu ħolma ta' dan il-club, li jerġaw jorganizzaw il-Mellieha Sports Rally. Il-Kunsill kien laqa' it-talba tiegħi biex din l-attività tkun tista' tiddaħħal fil-kalendarju ta' attivitàjiet tas-sena 2020.

*Mellieħa Baseball and Softball* - Kif għamilt mal-għaqdiet l-oħra iltqajt mal-Mellieħa Baseball and Softball, fejn ma' dawn iddiskutejna id-diffikultajiet li qegħdin jaffaċċjaw bħala Club u rajna kif l-istess Kunsill jista' jkun ta' għajnuna. Kien ġie diskuss li bħala Club dawn kibru fl-ammont ta' tfal u żiedu l-etajiet minn meta wieħed jista' jibda jittrenja mal-Club. Għalhekk dawn kienu talbuni biex jaraw jekk nistgħux bħala Kunsill inkunu strumentali biex jiġi pprovdut apparat għat-taħriġ tagħhom, liema apparat ġie ppreżentat f'Millied Melliehi 2019.

Kont ġejt mistieden nattendi diversi avvenimenti li organizzaw din l-għaqda, kif ukoll, kont preżenti għall- ikla li għamlu fl- aħħar tas-sena ġewwa l-Maritim Hotel. Attendejt ukoll għall-avveniment annwali organizzat mill-assoċjazzjoni tal-baseball u softball.

Mal-istess għaqda konna bdejna proċedura biex inkunu nistgħu napplikaw għal fondi biex ikun jista' jinxtara aktar apparat, liema fondi kienu ilaħqu it-€3,000.

<u>*Mellieħa Netball Team*</u> - Mal-Mellieħa Netball kont tkellimt dwar it-taħrig tagħhom, li dan isir fil-Park tal-Familja. Flimkien konna rajna liema huma l-aħjar ġranet għat-taħriġ għall-kbar u għall-Youths.

Ma' din l-għaqda konna ukoll żorna il-Park tal-Familja, fejn rajna x'hemm bżonn isir fid-*dressing rooms* u fil-*court* tal-park.

Applikajna wkoll ghall-fondi taħt il-Miżura 2 tal-EAFRD biex ikunu jistgħu jintużaw ghall-xiri ta' materjal għat-taħriġ tal-istess għaqda, li dan ilaħħaq is-somma ta' €3200.

<u>*Mellieħa Libertas*</u> - Iltqajt ukoll ma' din l-għaqda fejn mill-bidu nett li din kienet għada qiegħda tifforma, konna żorna il-Park tal-Familja, kif ukoll konna iddiskutejna il-ġranet ta' taħrig. Kien ġie maqbul li dawn jibdew jittrenjaw darbtejn fil-ġimgħa u jagħmlu użu tal-istess park.

<u>*Attivitàjiet Sportivi u Fiżiċi*</u> - Matul is-sena kien hemm diversi għaqdiet li għamlu kuntatt miegħi u dawn kienu:

- Ottillo Swim Run
- Young Sailors Competition

<u>*Ottillo Swim Run*</u> - Kompetizzjoni li saret ghall-ewwel darba hawn Malta, fejn din l-kompetizjoni issir madwar id-dinja kollha. Kont ġejt ikuntattjat mis-Sur Jonathan Shaw fejn flimkien konna iddiskutejna il-possibilta' li din l-attività issir fil-bajja ta' Golden Bay. Il-proposta kienet ġiet approvata mill-Kunsill.

<u>*Young Sailors Competition*</u> - Din il-kompetizzjoni issir ta' kull sena fil-bajja ta l-Għadira fejn għaliha tattira żgħażagħ minn madwar id-dinja kollha. Wara li kien ġie ikellimni is-Sur Tony Grech, konna iddeċidejna li bhala Kunsill inkunu ta' għajnuna fil-permessi u ħtiġijet oħra organizzattivi.

<u>*Park tal familja*</u> - Dan il-park huwa l-uniku Park fit-Tramuntana ta' Malta li huwa aċċessibli ghall-nies bi bżonnijiet speċjali, għalhekk ridt li dan ikompli ikun ta' servizz kemm għar-residenti tal-Mellieħa kif ukoll ghall-pubbliku in ġenerali biex jagħmlu l-eżerċizzju tagħhom.

Flimkien mal-kustodju tal-park, konna għamilna lista tal-manutenzjoni li ghandu bzonn isir. Kif kont ressaqt fit-tieni laqgħa tal-Kunsill, kien hemm ħafna affarijiet li jridu jigu rranġati. Bdejna diversi taħditiet kemm ma' entitajiet tal-gvern kif ukoll mal-perit tal-Kunsill biex rajna xi spejjeż hemm. Konna stabbilixejna minn fejn qed jidħol l-ilma li dan kien qed jikkawża ħsara kbira fid-*dressing rooms,* kif ukoll ghamilna diversi *site meetings* ma' diversi entitajiet li setgħu ikunu ta' għajnuna għalina.

<u>*Eu Programmes / Youth Exchanges*</u> - Dawn it tip ta programmi kienu minn dejjem ghall-qalbi u kienu xi ħaga li dejjem irsistejt fejn b'xi mod jew ieħor ridt nara kif nibdew nipparteċipaw fihom bħala Kunsill. Applikajna ghall-ewwel programm bl-isem ta' *LGTBIQ in the Heart of the EU* li dan il-programm b'sodisfazzjon ngħid li ġie approvat u bħala Kunsill ħa nagħtu oppotunità lil għaxar żgħażagħ biex jipparteċipaw fih ma' erba' pajjiżi oħra. Dan il-programm ħa jsir fir-raħal ta' Casalborgone l- Italja u fiħ ħa jipparteċipaw ukoll muniċipalitajiet mil-Latvia u r-Rumanija.

Kelli l-opportunità ukoll li nipparteċipa fi programm ta' KNOTS li sar f'Rapashuta fl-Ungerija fejn fih stajna niddiskutu diversi temi. Din kienet opportunità ferm sabieħa li ghall-ewwel darba flimkien ma' kollega tiegħi stajna nirraprezentaw lill-lokalità tagħna.

<u>*Attivitàjiet ohra li jien attendejt*</u>

- *MEUSAC Project Development training and Writing Training Sessions* li kien sar fl-Lulju ġewwa ir-Rabat Malta;
- <u>*Malta Government conference better governance, better finance, better democracy*</u> li kien sar f' Settembru;
- Diskussjoni fuq Il-European Mobility week f' Awwissu 2019;
- Stedina fil-palazz tal-President, għat-tnedija tal-ktieb 'Ġirja fix-Xagħri' għal serata letterarja; u
- Apparti dawn jien kont preżenti għall-attivitàjiet kollha li saru fil-lokalità tal-Mellieħa li kienu ġew organizzati mill-għaqdiet tal-istess lokalità.

B'Unur kbir u b'wiċċi-l quddiem nixtieq ngħid li huwa ta' sodisfazzjon kbir għalija li qiegħed inservi bħala wieħed mill-Kunsilliera f'dan it-Tmien Kunsill u li flimkien qegħdin naħdmu bħala tim wieħed għall-ġid tal-lokalità tal-Mellieħa.

Kurt Buttigieg - Kunsillier

**Il-Kunsillier Ivan Castillo**

Fir-rapport hawn dettal tal-ħidma tiegħi għall-perjodu Lulju/Diċembru 2019 bħala Kunsillier fil-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

Innovazzjoni

Dan huwa wieħed mir-responsabiltajiet ġodda introdotti lill-Kunsilli Lokali. Huwa wkoll wieħed mir-responsabiltajiet mandatorji. Għalkemm dan huwa sfida kbira li tara kif ser tivvinta xi ħaġa innovattiva għal-lokalità, xi ħaġa ġdida u li tikkumplimenta l-lokalità tiegħek fl-istess ħin huwa ta' sodisfazzjon kbir. Parti mill-ħidma kienet li l-Mellieħa tkun minn tal-ewwel sabiex din ir-responsabiltà tagħmilha "Branded". Din, fiha nfisha hija xi ħaġa innovattiva. Minn hawn twieldet l-idea ta' Innovation Lab.

1. Innovation Lab App: minħabba d-diffikultà li taħseb f'xi ħaġa li tista' tagħmel ġdida u innovattiva għal-lokalità, l-ewwel idea kienet li nuża r-riżorsi kollha għad-dispozzjoni tiegħi. Dawn ir-riżorsi kienu r-residenti kollha. Huwa għalhekk li ħriġt bl-idea li nagħmel App sabiex niġbor kemm jista' jkun ideat friski ġodda u innovattivi li jolqtu lin-nies tal-lokalità. L-App kien suċċess kbir fejn ir-respons inizzjali kien ta' inkoraġġiment kbir.

2. Green Infrustructure: Ħadt l-innizjattiva sabiex nagħmel użu mill-miżuri mogħtija u fondi li kull kunsill jista' jibbenifika minnhom permezz tal-Measure 4 Development of Green Infrustructure, by innnovative Green Solutions. F'din il-proposta użajt ideat ġodda u innovattivi sabiex inbiddlu postijiet urbani f'aktar ħdura. Dawn kienu mqassmin f'erba' innizjattivi:

a) Adopt a tree Initiative
b) City Tree Bench
c) Living wall
d) Community Garden

Din il-proposta ġiet approvata flimkien mal-fondi sabiex dan isir.

3. *Innizjattiva Żomm il-Mellieħa Nadifa*: Ipproponejt din l-innizjattiva sabiex noħloq aktar kuxjenza fejn jidħol ir-rimi ta' skart barra. Għalhekk ħriġt bi proposta li ssir kitba fejn jiskula l-ilma fit-toroq *(catch pits)* pubbliċi bħalma nsibu f'diversi toroq. Minħabba li din il-proposta saret fl-aħħar tas-sajf ġie propost li dan jsir fis-sajf ta' 2020.

4. *Footprint Bollards ħdejn it-turġien tal-Għadira:* Sar ftehim flimkien ma' erba' lido's fl-Għadira fejn dawn kienu lesti li jagħmlu sponsor ta' erba' tabelli forma ta' footprint (impronta tas-sieq). L-idea kienet biex tinħoloq kuxjenza sabiex min iżur l-Għadira jħalli nadif. L-isem ta' kull sponsor jitpoġġa fuq kull *billboard*.

5. *Charging Pillars*: Ipproponejt l-idea sabiex il-kunsill jinvesti f'*charging pillars* għall-karrozzi li jaħdmu bl-elettriku. Dawn qegħdin jiżdiedu u fiż-żmien li gej ser jiżdiedu aktar u aktar. Proponejt li dawn jitwaħħlu fejn ħames *substations*. Sar ftehim mal-Enemalta sabiex id-dawl jingħata b'xejn biex il-Mellieħa tkun tagħmel parti minn proġett pilota flimkien mal-Enemlata bħala sieħeb. Tlabna wkoll l-Enemalta sabiex toħroġ *business plan* biex naraw dan il-proġett x'jinvolvi.

*6. Aktar Riklami fejn jidħlu ħarġiet kulturali:* fil-ħames laqgħa tal-Kunsill proponejt sistema aħjar ta' reklamar sabiex nolqtu iżjed id-demografija li nixtieqi nolqtu u l-akbar ammont ta' nies. Dan jista' jsir bl-użu tal-magażin tal-Kunsill fejn minn darba għal oħra jkunu reklamati l-ħargiet minn qabel.

*7. Proposta ta' parkeġġ riżervat għar-residenti f'inħawi popolati:* Residenti wasslu l-ilment tagħhom li f'postijiet fejn hemm ammount kbir ta' units jew djar f'inħawi pjuttost żgħar bħal, ngħidu aħna, fi triq Sammy Bartolo, qed dejjem jsir iżjed u iżjed diffiċli li wieħed isib *parking*. Jien ipproponejt li jsir dan ir-reserved parking għal dawn ir-residenti simili għal tas-Sliema u l-Belt Valletta. Sfortunatament ma kienx hemm qbil fuq dan.

*8. Proposta sabiex Roof Gardens ikunu parti mir-rekwiżit tal-permessi tal-bini ġewwa żoni urbani***:** Waqt it-tmien laqgħa tal-Kunsill ipproponejt li ssir laqgħa mal-AKL sabiex niddiskutu u nfaslu pjan biex bini ta' ċertu kobor ikollu jagħmel persentaġġ tal-bini fuq barra bħala infrastrutura ħadra. Dan ikompli jsebbaħ l-ambjent tal-lokalità waqt li jnaqqas b'rata tal-emmisjonijiet fil-Mellieħa. Din il-proposta tressqet sabiex, għal darb'oħra, il-Mellieħa tkun eżempju għal-lokalitàjiet oħra kif insebbħu u ntejbu l-ambjent tagħna.

*9. Proġett Young Achievers:* Dan huwa parti mill-marka ta' Innovation Lab fejn jien ipproponejt kif ukoll issottomettejt rapport sabiex il-kunsill jingħażel biex ikun magħżul għall-fondi għal din l-

inizjattiva. Din l-inizjattiva kienet sabiex numru ta' żgħażagħ minn għaqdiet u demografiji differenti jinqgħadu flimkien u nagħmlu numru ta' laqgħat magħhom f'ambjent ta' lukanda u noħorġu pjan ta' ħidma biex nikrejaw u nfaslu mill-bidu sat-tmien idea innovattiva għal-lokalità tagħna. Din tiġi ppreżentata quddiem il-Kunsill u, jekk ikun hemm qbil, tiġi ffinanzjata u ssir taħt is-supervizjoni tal-istess żgħażagħ.

*Servizzi Essenzjali*

Dawn jinkludu xogħlijiet relatati ma' dwal, dranaġġ, elettriku u ilma. Hemm numru sabiħ ta' innizjattivi li huma ppjanati għall-erba' snin li ġejjin. Dawn jirrikjedu ammont sostanzjali ta' fondi u pjanar. Huwa għal din ir-raġuni li xogħol fuq dawn għad irid isir fi proġetti konkreti. Xorta saru numru ta' inizjattivi li jaqgħu taħt din ir-responsabiltà, flimkien ta' mijiet ta' tiswijiet li saru taħt u flimkien mal-kunsill lokali.

1. *Kampanja Pink October:* permezz ta' din il-kampanja, sabiex nikrejaw iżjed kuxjenza, ipproponejt li d-dawl ta' Misraħ Gwanni Pawlu II jiġi mixgħul roża.

2. *Tisbieħ tal-Ġnien il-Pellegrini:* ipproponejt li Ġnien il-Pellegrini, li ġie miftuħ mis-Sindku Sammy Vella, jerġa' jieħu l-ħajja u jiġi rranġat għal dak li kien darba. Dwal ġodda u tisbiħ ġenerali kif wkoll taraġ ġdid.

3. *Dawl ġdid fi Triq il-Barkazza*: ipproponejt dawl ġdid f'din it-triq minħabba li bħalissa din tinsab fi dlam ċappa. Din it-triq magħmula wkoll minn *culverts*. Dan jgħin li l-ispiża totali tkun waħda baxxa. Id-dawl propost huwa tat-tip whip type u jkun mgħoddi taħt l-art.

4. *Dawl ġdid fi Sqaq il-Muna:* ipproponejt ukoll dawl ġdid fi Sqaq il-Muna. Din hija triq pubblika fejn hemm numru ta' garaxxijiet kif ukoll sqaq li jgħaqqad it-taraġ ta' Triq Napuljun Caruana Dingli ma' Triq il-Muna. Id-dawl iservi sabiex niżguraw li jonqsu l-abbużi.

5. *Tisbieħ tat-Taraġ bejn Triq il-Madonna tal-Għar u Misraħ il-Parroċċa*: ipproponejt ukoll li dan it-taraġ jiġi rranġat u msebbaħ kif ukoll imdawwal aħjar. Hemm numru ta' anzjani li jużaw dan it-taraġ biex jisimgħu l-quddies u, minħabba li hu mdallam, jibżgħu li jaqgħu jew li jkunu vittmi ta' serq.

6. *Tibdil ta' whip type poles fi Triq Etna ma' Lampi qosra dekorattivi fil-Belvedere f'tarf l-istess triq:* fis-6 ta' Diċembru ppproponejt li l-imsemmija *whip type poles* jiġu maqlugħin u mibdula ma' arbli qosra sabiex jiġi konservat dan il-post magħruf bħala View Point. Saret talba lill-Enemalta li ġiet milqugħha.

**7.** *Dawl ġdid fi Triq il-Miġbħa:* ipproponejt li jiġi installat dawl ġdid fi Triq il-Miġbħa li ġie imneħi mill-istess kunsill minħabba bini ġdid u qatt ma tpoġġa lura.

*Servizzi WIFI*

Fil-preżent hemm numru ta' postijiet fil-lokalità li għandhom WI-FI provdut mill-kunsill. Il-ftehim li hemm qed jerġa' jiġi eżaminat sabiex dan is-servizz ikun ta' iktar benefiċċju u valur miżjud għar-residenti tagħna. Fost dawn irridu nikunsidraw numru ta' residenti li m'għandhomx aċċess għall-WI-FI ġewwa darhom, u aħna bħala Kunsill irridu naraw kif ser nagħmlu sabiex nagħtu l-aċċesibilità li hemm bżonn għall-ħajja ta' llum. Dan biex ħadd ma jibqa' lura.

*1. WI-FI 4U Scheme:* saret korrispondenza relatata ma' din l-iskema sabiex nidentifikaw żoni ġodda fejn nistgħu nintroduċu WI-FI b'xejn fil-lokalità tagħna. Bħala kunsillier responsabbli ppproponejt Misraħ il-Parroċċa fil-Mellieħa kif ukoll Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Din il-proposta għamiltha wkoll għall-iScouts tal-Mellieħa biex, jekk għad m'hemmx ftehim, dan isir flimkien mal-Kunsill.

*Bord Tal-Onorefiċenzi*

Simili għall-predeċessur tiegħi, ċioè l-*minority leader* ta' qabli, jien ukoll ġejt magħżul mis-Sindku biex inpoġġi fuq dan il-bord.

2. *Nominazzjonijiet għall-Jum il-Kunsill*: bħala membru fil-bord ħadt sehem f'diskussjonijiet u ġie maqbul b'mod unanimu l-persuni li ser jiġu ppreżentati rikonoxxenza kif ukoll onorefiċenza tal-Mellieħa. Ġew diskussi wkoll modi ġodda ta' kif ser nipproċedu għal dak li ġej.

*Diversi xogħlijiet oħra*

Din hi lista ta' proposti u xogħol ieħor li ġew proposti minni tul dawn l-aħħar sitt xhur. Dan kif stipulat skont fl-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363).

*1. One way fi Triq Ħalq iċ-Cawl:* Flimkien mas-Sindku s-Sur Dario Vella ppproponejt one-way ring road fit-triq u l-inħawi msemmija. Ipproponejt ukoll li s-sit ta' kustruzzjoni fejn ser jiġi żvuluppat il-bieb prinċipali tiegħu ma jkunx minn Triq il-Fortizza sabiex nevitaw ħafna konfuzjoni bla bżonn.

*2. Sewqan perikoluż Triq Għajn Żejtuna:* ipproponejt li jiġu istallati double yellow lines f'parti mit-triq imsemmija minħabba l-fatt li hemm liwja partikolari qabel Triq iż-Żebbuġ fejn il-karrozzi qed ikollhom joħorġu f'nofs it-triq biex jgħaddu. Dan iġib miegħu periklu kbir għal min hu tiela'. Il-proposta ma ġietx milqugħha.

***3. 300 Sena Anniversarju tal-Bieb tas-Santwarju:*** ipproponejt li x-xogħol u r-riċerka li saret għas-serata mużiko-lettrerarja imtellgħa mill-Għaqda Korali u Orkestrali Marija Bambina jiġi pubblikat u ssir infografika qabel tiġi publikata.

*4. Soft Area fi Triq il-Marlozz u fi Triq il-Wied tar-Rumani:* dawn l-inħawi msemmija, li bħala kunsill aċċettajna li terzi persuni jingħataw il-permess li jirranġaw bħala soft area, ipproponejt li kwalunkwe żvilupp u/jew tibdil jew tip ta' xogħol isir biss jekk ikun hemm ftehim mal-Kunsill u li dan ikun avżat minn żmien aċċettabli sabiex ikun jista' jiddiskutti.

*5. Infurzar fi Triq tal-Miżieb u l-Manikata:* waqt il-ħames laqgħa tal-kunsill qabel dak li ġara ġewwa l-Mellieħa meta nqalgħet it-telgħa ta' Selmun, sħaqt kemm hu importanti li jkollna iżjed infurzar, sinjali ġodda u ċari, kif ukoll *smart cameras* li jaħdmu bid-dawl tax-xemx.

*6. Żjara l-Medieval festival Agia Napa/Knots Project Knowledge not Scepticism f'Ċipru:* flimkien mal-Viċi Sindku s-Sur John Buttigieg u Dorriette Fenech Gambin, attendejt dawn iż-żewġ attivitajiet fejn flimkien irrappreżentajna l-lokalità tagħna l-Mellieħa. F'Agia Napa ċċelebrajna l-għaxar snin anniversarju ġemelaġġ. Il-proġett KNOTS konna ġewwa Deryneia fejn iddikutejna flimkien ma' lokalitàjiet u organizzazzjonijiet oħra r-raġunijiet għax-xettiċiżmu fil-lokalitàjiet u l-pajjiiżi respettivi tagħna.

*7. One Way fil-Manikata:* waqt il-ħames laqgha tal-Kunsill ġie diskuss l-immaniġġjat tat-traffiku fi Triq Dun Manuel Grima, it-Telgħa ta' Wilġa u Triq il-Manikata. Jien ipproponejt li dawn isiru one way ring road. Dan ma ġiex aċċettat, imma rrid ngħid li jien xorta naqbel li dan għandu jsir. Dan ġie wkoll propost lit-TM.

*8. Maniġġjar tat-Traffiku fi Triq ix-Xagħra ta' Barra u fi Triq ta' Fuq il-Widien:* ġbidt l-attenzjoni lill-kunsilliera sħabi li dawn iż-żewġ toroq, minħabba l-fatt li huma wisgħin sewwa, qegħdin jagħtu lok għal sewqan eċċessiv. Ipproponejt għalhekk li tiġi installata miżura fejn is-sewqan eċċesiv jiġi kontrollat kif ukoll round about fejn dawn iż-żewġ toroq jiltaqgħu. Ġie deċiż li din il-proposta tmur għand TM għall-approvazzjoni.

*9. Bringing Scouts Together:* Ġejt avviċinat mill-Mellieħa Scouts Group fejn talbu l-assistenza tal-Kunsill sabiex jkunu jistgħu jipparteċipaw ma' Scouts minn diversi postijiet madwar id-dinja sabiex ikunu jistgħu jikkomunikaw u jaqsmu ideat flimkien b'mod virtwali. Dan sar b'succes kbir.

*10. Maniġġjar tat-Traffiku ħdejn il-Valyou:* ipproponejt li jiġu nstallati żewġ yellow lines fuq iż-żewġ naħat tal-Valyou supermarket sabiex jiġi evitat konġestjoni, kif ukoll żewġ stop signs quddiem is-side road tal-enteratura tal-Valyou f'kull tarf. Stop signs saru però double yellow lines kif koll parking bays quddiem il-ħanut il-Mitħna għadhom ma sarux.

*11. Maniġġjar tat-traffiku fi Triq ta' Msid:* din it-triq hija triq verament dejqa li twassal għal-lukanda Reviera u kontinwament tintuża minn *coaches* sabiex imorru il-lukanda. Tlabt li jiġu installati tabelli sabiex dawn il-*coaches* ma jgħaddux iżjed minħabba li kien qed jinqala' inkonvenjent għall-bdiewa taż-żona.

12. PA 29443/19 Demolition and reconstruction off Ramla Bay: issottomettejt numru ta' mistoqsijiet rigward it-twaqqiegħ u l-iżvilupp tar-Ramla Bay Resort.

*13. Attendenza għal numbru ta' konferenzi kif ukoll laqgħat organizzati mill-AKL:* Mhux inkluż f'dan ir-rapport huwa l-ammont konsiderevoli ta' korrispondenza mgħoddija bejni u bejn is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mall-istaff tiegħu relatati ma' rapporti minuri u ta' kuljum li jkollhom x'jaqsmu mat-tmexxija tal-kunsill.

Sfortunatament waqt dawn is-sitt xhur ma ġiet l-ebda opportunità sabiex insemmu toroq ġodda, u l-proposta sabiex inbidlu toroq li huma konsiderevolment twal ma ġietx aċċettata mill-maġġoranza. Ix-xogħol li tagħmel dejjem jitwettaq mill-perspettiva ta' kemm għandek responsabbiltajiet allokati. Aktar ma jkollok, aktar hemm fejn taħdem u tieħu inizjattivi.

Ivan Castillo - Kunsillier

**Il-Kunsillier Gabriel Micallef**

Dan huwa r-rapport li jiġbor il-ħidma li tinkludi inizjattivi, proposti u suġġerimenti li għamilt bħala kunsillier fil-Kunsill Lokali Mellieħa biex intejjeb il-qagħda tar-residenti tal-Mellieħa u Manikata. Dan ir-rapport jagħti ħarsa għal din il-ħidma għal perjodu bejn Ġunju 2019 – Diċembru 2019 fuq kull responsabiltà li ingħatajt fil-bidu ta' din il-leġislazzjoni.

*Integrazzjoni soċjali/emigranti.*

Il-lokalità tal-Mellieħa u Manikata hija komposta minn komunità diversa u nazzjonalitajiet differenti. Għaldaqstant il-Kunsill Lokali Mellieħa ħares lejn ħidma li tintegra lil kulħadd kemm permezz tal-attivitajiet kulturali kif ukoll il-messaġġi li jiġu ikkomunikati mar-residenti. F'kull inizjattiva qed jiġu mħarsa dawn il-miżuri fundamentali sabiex kull persuna tħossa parti mill-komunità u timxi mar-regoli. Fil-perjodu ta' ħidma fil-Kunsill Lokali ħdimt flimkien mal-kumplament tal-kunsilleira u issuġġerejt diversi inizjattivi fostom;

- Komunikazzjoni permezz tal-midja soċjali kemm bil-lingwa Maltija u l-Ingliż.
- Komunikazzjoni u publikazzjonijiet relatata mal-ġbir tal-iskart nħarġu b'sett ta' lingwi nazzjonalitajiet differenti.
- Korsijiet isiru kemm bil-Malti u bl-ingliz għal fatt li l-parteċipazzjoni hija waħda attiva minn din il-komunità.
- Diskussjonijiet kontinwi mal-Pulizija tal-Komunità biex ikun hemm kampanji edukattivi biex tinżamm l-ordni.
- Involviment ta' expats f'attivitajiet u kampanji ta' tindif b'mod regolari.
- F'Novembru tal-2019 bi qbil bejn il-Kunsill Lokali tlajt konferenza fl-Ungerija – 'KNOTS – Knowledge not Sceptism'. Din kienet l-aħħar skambju internazzjonali li ipparteċipa fiha l-Kunsill Lokali tal-Mellieħa. Sar skambju ta' ideat fuq diversi kwistjonijiet li jaffaċċjaw l-komunitàjiet tagħna. Inizjattivi bħal dawn iservu bħala pjattaforma biex naqsmu ideat u naraw modi kif nistgħu intejbu l-ħajja tar-residenti tagħna.
- Proposta li ssir l-attivita għall-emigranti fl-okkażjoni tal-Festa tal-Vitorja. L-idea li tkun opportunita tajba biex il-Kunsill jiltaqa' ma' dawn in-nies.

*Informazzjoni teknologika.*

Aktar kemm qed isir avvanz qed tingħata importanza permezz tal-mezzi diġitali. Fl-inkarigu tiegħi ħdimt biex lill-paġna fuq il-midja soċjali Facebook tkun aġġornata b'għadd ta' kampanji edukattivi. Din il-pjattaforma qed tintuża biex taġġorna lir-residenti kemm fuq il-ħidma li qed issir mill-kunsilli lokali kif ukoll mezz ta' tagħrif utli.

Il-Facebook aktar minn qatt qabel huwa waħda mill-aktar pjattaformi lill-poplu Malti u Għawdxi jfittex biex jikkomunika.

- Enfasizzajt l-importanza li jkollna demokrazija ħajja meta jkollok parteċipazzjoni sħiħa tan-nies. Ħdimt sabiex nara alternattivi oħra kif nistgħu nilħqu aktar residenti u nwasslu l-messaġġ tagħna. Dan kollu jesiġi lill-Kunsill ikun transparent f'dak kollu li jsir. Għaldaqstant appellajt sabiex il-laqgħat u s-seduti jiġu mxandra fuq il-midja soċjali Facebook sabiex ir-residenti jkollom l-aċċess u jiparteċipaw anke waqt id-diskussjoni.
    - Din kienet miżura important għax provdut lok sabiex ir-residenti ikunu parti mill-ħidma sħiħa li ssir mill-kunsill lokali. Kull laqgħa qed tiġi trazmessa u qed ikun hemm parteċipazzjoni sħiħa mir-residenti.
- Il-Midja soċjali qed tintuża anke biex twassal kampanji ta' tagħrif. Fil-jiem dinjija li jqajjmu kuxjenza tas-saħħa qed jiġu preparati sett ta' 'posters' li jwasslu messaġġi edukattivi fuq is-suġġett. Dan qed issir biex il-Kunsill jappoġġja lil kulħadd, jagħti valur l-inkussività u jeduka fuq is-suġġett.
- Hemm anke taħdidiet li jsiru korsijiet edukattivi fl-istess swali tal-Kunsill fejn ir-residenti ikollom anke l-opportunità li jedukaw u jifhmu kif jagħmlu użu mill-kompjuters.
- Proposta biex isir aktar użu mill-media soċjali sabiex il-pubbliku jiġi mfiehem il-kunċett wara l-Pulizija tal-Komunità.

- Proposta biex ikollna 'Pink October Campaign 2019' u tinxtel l-faċċata tal-uffiċċju amministrattiv fix-xahar t'Ottubru tul il-kampanja msemmija. Din għanda tiġi supplimentata permezz ta' *posters* li jittellgħu fis-sit elettroniku u l-midja soċjali.

*<u>Aċċess u Sigurta fil-Bajjiet/ Tindif ta' Xtut.</u>*

Fil-Mellieħa hemm ammont ta' bajjiet konsiderevoli li jiġu frekwentati minn bosta Maltin u turisti. Dan ifisser li perjodikament ikun hemm il-ħtieġa illi jsir tindif b'mod u ġbir ta' skart. Il-Kunsill Lokali Mellieħa jaħdem mal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu (MTA) biex jassigura li b'mod kontinwu tinżamm l-indafa.

- Saret ħidma ta' tindif f'diversi bajjiet u xtut.
- Talba biex jerġa jitpoġġa l-*bin-on-wheel* li kien hemm fil-bidu ta' Triq l-Armier, minħabba l-utilità tiegħu u l-obbligu tal-Kunsill li jipprovdi dan is-servizz.
- Ġbidt l-attenzjoni li l-istat tal-indafa fil-Bajja tal-Imġiebaħ mhux tal-livell mixtieq, forsi minħabba l-frekwenza tat-tindif hija baxxa, jew mhijiex konsistenti.
- Talba biex isiru tabelli 'No camping allowed' il' fuq mill-Bajja tal-Imġiebaħ.
- Proposta biex għalkemm il-Bajja tal-Imġiebaħ u dik ta' daħlet ix-Xmajjar/Torri l-Abjad huma *animal friendly beaches*, mhemmx bins għall-iskart li dawn jiġġeneraw.
- Talba biex jiżdiedu l-ammonti ta' bins fil-Bajja tal-Għadira minħabba l-fatt li mhumiex biżżejjed għall-ammonti kbar ta' nies li jżuru din il-bajja.
- Organizzajt kampanja ta' tindif fejn kemm ir-residenti Melliħin u t-turisti ġew mħeġġa jiġbru l-iskart ħalli joħolqu aktar kuzjenza ambjentali.
- Saret osservazzjoni li bini llegali li jsir f'żoni kostali jiġi rrapurtat lill-awtoritajiet konċernati.
- Ressaqt proposta biex fil-Mellieħa jkollna l-ewwel Bajja 'Cigarette free' l-għan aħħari huwa illi l-Bajja tal-Għadira tkun l-ewwel f'Malta u Għawdex li jiġi projibit tipjip ta' sigaretti. Ammont sostanzjali ta' skart li jintrema fil-bajjiet tagħna huma s-sigaretti. Din hija thedida ambjentali mhux biss għal ibħra tagħna iżda anke għal iġene.
- Talba sabiex il-Kunsill Lokali jkun infurmat dwar il-proġett ta' rijabilitazzjoni tal-Bajja tal-Għadira li jinvolvi interventi dwar l-immaniġġjar tal-mewġ u xogħlijiet oħra fil-baħar.
- Kwesjonarju dwar ix-xtut onlajn sabiex jinġabar feedback mingħand il-pubbliku dwar diversi aspetti tas-suġġett.

*<u>Żoni ta' kampjar</u>*

- Talba biex ikun hemm faċilitajiet ta' seperzzjoni ta' skart fiż-żoni mhux urbani. Bħala soluzzjoni parzjali ppropronejt li jkun hemm i-bins għall-iskart riċiklabbli u jiżdied l-infurzar f'dawn iż-żoni partikolari biex jinqatgħu l-abbużi.

*Proposta dwar Vetturi abbandunati*

- Fuq infurzar tar-regolamenti dwar id-depożitu tal-iskart biex jinqatgħu l-abbużi. Gbidt l-attenzjoni li l-abbuż jista' jagħti l-fatt illi r-residenti mhumiex konvinti li l-awtoritajiet kompetanti qed jagħmlu l-infurzar mistenni u għalhekk huwa importanti li l-istatistiċi dwar il-każi li jiġu rrapurtati jkunu ppubblikati.
- Issir mixtla ta' siġar indiġini fl-iskola sabiex titrawwem fit-tfal l-imħabba lejn is-siġar.
- Manutenzjoni fuq il-Monument tal-Pellegrini.
- Proposta biex isir kors tal-ewwel għajnuna fuq l-Automated External Defibrillator and CPR.
- Talba dwar il-possibiltà li tiġi restawrata l-istatwa ta' San Pawl fuq il-gżira ta' Selmunett.

Gabriel Micallef - Kunsillier